KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 14.09.2004
KUMM(2004)593 finali

2004/0199(CNS)
2004/0200(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f' isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f' isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen,

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f' isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f' isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen,

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

In-Negozjati bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar Sebgħa Ftehimiet ġew konklużi f'Ġunju ta' l-1999. Dawk l-Ftehimiet kollha daħlu fis-seħħ flimkien fl-1 ta' Ġunju ta' l-2002. Annessa ma' dawn l-Ftehimiet, il-Konfederazzjoni Svizzera għamlet dikjarazzjoni dwar il-politika tal-migrazzjoni u r-refuġju fejn uriet l-intenzjoni tagħha li tipparteċipa fis-sistema ta' l-UE għall-koordinazzjoni tal-politiki ta' rifuġju u pproponiet li n-negozjati jinbdew għall-konklużjoni ta' konvenzjoni ta' mpar il-Konvenzjoni ta' Dublin.

In segwitu għall-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2002, saru negozjati mal-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tagħha ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Acquis ta' Schengen, kif ukoll mal-leġislazzjoni li tistabbilixxi l-Eurodac[1], u l-leġislazzjoni dwar l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni tat-talbiet għar-rifuġju (li ġiet adottata sussegwentement u li ser tissejjaħ ir-Regolament ta' "Dublin"[2]). Sussegwentement, intlaħaq ftehim fuq it-testi ta' żewġ Ftehimiet separati.

Skond id-direttivi tan-negozjati, l-Ftehimiet isegwu l-mudell tal-Ftehimiet man-Norveġja u l-Islanda - f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen[3] u li jikkonċernaw il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew l-Islanda jew in-Norveġja[4] - adattata għall-ħtiġijiet kostituzzjonali speċifiċi ta' l-Isvizzera.

Ukoll, id-direttivi tan-negozjati talbu li l-Isvizzera għandha taċċetta l-*acquis* ta' Schengen u l-iżvilupp tiegħu, kif ukoll l-*acquis* ta' Dublin/Eurodac u l-iżvilupp tiegħu, mingħajr eċċezjonijiet u derogi. Iktar minn hekk, id-direttivi talbu rabta ċara bejn l-implimentazzjoni u t-tmiem taż-żewġ Ftehimiet. Id-direttivi tan-negozjati talbu wkoll li l-Isvizzera tipprovdi kontribut annwali għan-nefqa amministrattiva u dik ta' l-operati ta' Schengen u Dublin/Eurodac.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li t-testi jaqblu mad-direttivi tan-negozjati adottati mill-Kunsill fis-17 ta' Ġunju 2002. L-unika eċċezzjoni għall-prinċipju ta' aċċettazzjoni sħiħa ta' l-*acquis* ta' Schengen preżenti u dak ġejjieni hija d-deroga konċessa lill-Isvizzera dwar l-aċċettazzjoni ta' *acquis* ġejjieni mat-talbiet għall-ispezzjoni u l-konfiska f'dak li għandu x'jaqsam ma' ksur tal-liġi fil-qasam ta' tassazjoni diretta, li jekk iseħħ fl-Isvizzera, ma jkunx penabbli taħt il-liġi Svizzera b'piena ta' kustodja. Din id-deroga kienet meħtieġa sabiex jiġi konklużż il-Ftehim ma' l-Isvizzera fil-qasam tat-tassazjoni fuq ir-riżervi, li fiha nfisha kienet meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva tal-Kunsill 2003/48/KE tat-3.6.2000 dwar it-tassazjoni ta' dħul mir-riżervi fis-sura ta' ħlasijiet ta' l-interessi.[5] Il-COREPER approva din id-deroga fis-17.5.2004

---

1 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2725/2000/KE tal-11.12.2000 dwar l-istabbiliment ta' l-"Eurodac" għat-tqabbil tas-sinjali tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin (ĠU L 316 tal-15.12.2000, p.1)

2 Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 343/2003/KE tat-18.2.2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġu determinati l-Istati Membri responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' l-applikazzjonijiet ta' rifuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri minn persuna minn pajjiż terz (ĠU L 50 tal-25.2.2003, p.1)

3 ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 36.

4 ĠU L 93 tat-3.4.2001, p. 40.

5 ĠU L 157 tas-26.6.2003, p.38.

bħala parti minn kompromess kumplessiv ma' l-Isvizzera fuq medda wiesgħa ta' oqsma, li dwarha kien hemm ftehim fis-summit ta' l-UE/Svizzera fid-19.5.2004[6].

Sa fejn għandha x'taqsam it-tassazzjoni indiretta, l-ebda deroga ma ġiet konċessa fir-rigward ta' l-*acquis* kurrenti u dak ġejjieni. L-Isvizzera ser tikkonċedi kooperazzjoni ġudizzjarja sħiħa taħt l-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni ta' Schengen dwar każijiet ta' evażjoni ta' taxxa indiretta.[7] L-evażjoni tat-taxxa indiretta hija mħarrka fl-Isvizzera mill-awtoritajiet amministrattivi meta deċiżjoni tista' twassal għal proċeduri quddiem Qorti li għandha l-ġurisdizzjoni b'mod partikolari f'oqsma kriminali. Għaldaqstant, l-Artikolu 51 a) it-tieni alternattiva tal-Konvenzjoni ta' Schengen hija applikabbli.

Minħabba li ż-żewġ Ftehimiet dwar Schengen u dwar Dublin/Eurodac huma marbuta, iż-żewġ Ftehimiet għandhom jiġu ffirmati fl-istess ħin.

Il-punti li ġejjin huma mogħtija importanza sabiex jintwerew id-differenzi ma' jew l-adattazjonijiet tal-Ftehimiet ta' mparhom li ġew konklużi man-Norveġja u l-Islanda.

Schengen:

Peress li l-Kummissjoni indikat b'mod ċar fid-dikjarazzjoni magħmula fiż-żmien ta' l-adozzjoni tad-direttivi tan-negozjati għall-Ftehim ta' l-*acquis* ta' Schengen, huwa ta' dispjaċir li dawn id-direttivi pprevedew Ftehim wieħed, li jinkludi elementi kemm minn l-ewwel kif ukoll it-tielet pilastru. Dawn l-elementi minn pilastri differenti huma ta' natura essenzjalment differenti (l-elementi mill-ewwel pilastru huma ta' natura ta' liġi Komunitarja, inklużi s-supremazija u l-possibiltà ta' effett dirett, filwaqt li l-elementi mit-tielet pilastru m'humiex), huma soġġetti għal proċeduri differenti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-approvazzjoni u l-konklużjoni (eż. l-elementi tat-tielet pilastru m'humiex soġġetti għall-opinjoni tal-Parlament) u jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-ECJ sa gradi differenti. Sabiex jittieħdu in konsiderazzjoni dawn id-differenzi, il-Kummissjoni tipproponi li tadotta l-Ftehim dwar l-*acquis* ta' Schengen, permezz ta' żewġ atti separati, wieħed ibbażat fuq it-Trattat tal-Komunità u l-ieħor fuq it-Trattat ta' l-Unjoni, b'kull deċiżjoni tindika permezz ta' referenza għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/436/KE[8] liema partijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, koperti mill-Ftehim, jaqgħu taħt it-Trattat tal-Komunità u liema taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ser jgħin lill-Qorti b'mod partikolari fir-rigward tal-firxa tal-ġurisdizzjoni tagħha.

Ftehim:

l-Artikolu 7(2)(b):

L-Isvizzera hija mogħtija perjodu ta' sentejn għall-aċċettazzjoni u l-implimentazzjoni ta' *acquis* ġejjieni fis-sistema legali interna fil-każ li jiġi mitlub referendum. Jekk huwa possibli, l-Isvizzera għandha tapplika l-iżvilupp ta' l-*acquis* fuq bażi proviżorja. Jekk l-Isvizzera ma tistax tapplika l-kontenut ta' l-iżvilupp fuq bażi proviżorja, l-UE u l-KE jistgħu jieħdu miżuri proporzjonali u meħtieġa kontra l-Isvizzera sabiex tiġi żgurata l-hidma effiċjenti tal-kooperazzjoni Schengen.

---

6 Dokument tal-Kunsill 9544/04

7 Cf rapport mhux uffiċjali (non-paper) tas-servizzi tal-Kummissjoni dwar l-*acquis* ta' Schengen dwar ittri rogatorji għall-ispezzjoni u l-konfiska, MD 59/03 (grupp EFTA)

8 ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p.17.

Din il-klawżola ta' protezzjoni tippermetti lill-UE u lill-KE li jaċċettaw tardjar eventwali ta' sentejn għall-implimentazzjoni ta' *acquis* ġejjieni mill-Isvizzera. F'dan il-kuntest, l-Isvizzera spjegat li huma biss 5% tal-miżuri li jiżviluppaw l-*acquis* ta' Schengen u adottati bejn l-integrazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea fl-1999 u llum li setgħu iwasslu għal referendum eventwali.

Artikolu 7(5).

Skond id-direttivi tan-negozjati, l-Isvizzera taċċetta l-*acquis* ta' Schengen u l-iżvilupp tiegħu kollu kemm hu. L-unika eċċezzjoni għal dan il-prinċipju ġenerali huwa mniżżel fl-Artikolu 7(5) dwar l-iżvilupp ġejjieni ta' l-*acquis* ta' Schengen u jittratta dwar att ġejjieni possibli jew miżura li għandha x'taqsam ma' talba jew ordni għall-ispezzjoni u konfiska magħmula għall-iskopijiet ta' investigazzjoni jew taħrik fil-qasam ta' tassazjoni diretta, li, jekk magħmula fl-Isvizzera, ma jkunux penalizzabbli taħt il-liġi Svizzera b'piena ta' kustodja.

Artikolu 11

Il-kalkolu tal-perċentwal li jiddetermina l-kontribut annwali ta' l-Isvizzera għan-nefqa amministrattiva huwa bbażat fuq il-kontributi relevanti tan-Norveġja u l-Islanda, skond il-GDP ta' dawn it-tliet pajjiżi.

Artikolu 13

Skond il-pożizzjoni speċjali tad-Danimarka f'dak li għandu x'jaqsam ma' atti adottati in segwitu għat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha tikkonkludi Ftehim separat ma' l-Isvizzera sabiex toħloq id-drittijiet u l-obbligi ma' l-Isvizzera għall-iskopijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen adottati in segwitu għat-Titolu IV.

Ukoll, in-Norveġja u l-Islanda għandhom jikkonkludu ftehim ma' l-Isvizzera sabiex jinħolqu d-drittijiet u l-obbligi bejn il-partijiet assoċjati kollha li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen.

Artikolu 15

Il-paragrafu 1 jistipola l-prinċipju li l-*acquis* ta' Schengen jista' biss jiġi implimentat mill-Isvizzera wara li l-Kunsill jiddeċiedi li l-prekondizzjonijiet għal dik l-implimentazzjoni ġew sodisfatti mill-Isvizzera u li l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni kollha tagħha huma effetivi.

Ukoll, paragrafu 1 jipprovdi għax-xenarji varji għal dan it-tehid ta' deċiżjoni skond il-protokolli annessi mat-Trattat ta' Amsterdam u ma' l-Atti tas-Sħubija ta' l-għaxar Stati Membri ġodda.

Il-paragrafi 3 u 4 jimplimentaw ir-rikjesti tad-direttivi tan-negozjati sabiex jipprovdu għar-rabta bejn l-implimentazzjoni u t-tmiem tal-Ftehim ta' Schengen u għall-implimentazzjoni u t-tmiem tal-Ftehim dwar il-kriterji u l-mekkaniżmu għall-istabiliment ta' l-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju.

Artikolu 16:

L-Artikolu 16 jippermetti li l-Liechtenstein jissieħeb f'dan l-Ftehim. Din id-dispożizzjoni tevita l-konlkużjoni ta' Ftehim separat mal-Liechtenstein u b'hekk il-ħolqien tat-tielet Kumitat Mħallat ladarba l-Liechtenstein ikun assoċjat ma' l-*acquis* ta' Schengen. Il-Liechtenstein jista' jieħu sehem fl-istruttura ta' l-organizzazzjoni preżenti.

L-Annessi A u B jelenkaw l-*acquis* ta' Schengen u l-iżvilupp tieghu u ser ikunu aġġornati sad-data tal-firma.

Att Aħħari:

It-tieni Dikjarazzjoni tistipola b'mod ċar li l-UE/KE ma teżerċitax kompetenzi esterni f'isem l-Isvizzera. Meta negozjati ma' pajjiżi terzi għandhom impatt fuq l-*acquis* ta' Schengen (eż. negozjati dwar eżenzjonijiet ta' viżi) l-UE/KE ser tistieden pajjiżi terzi sabiex jikkonkludu Ftehimiet simili mat-tliet pajjiżi soċji. Id-dikjarazzjoni tista' tikkonċerna lill-Isvizzera, biss l-istess impenn huwa validu għan-Norveġja u l-Islanda, minkejja li ma ġietx imsemmija espliċitament fl-Att Aħħari għall-Ftehim ma dawn iż-żewġ pajjiżi.

It-tielet Dikjarazzjoni hija msejsa fuq id-dispożizzjoni speċjali mogħtija lil-Lussemburgu u hija riżultat tal-kompromess milħuq ma' l-Isvizzera dwar id-deroga tagħha msemmija fl-Artikolu 7(5) ta' l-Ftehim.

Fil-ħames Dikjarazzjoni, l-Isvizzera timpenja ruħha li tgħaġġel kemm jista' jkun il-proċeduri differenti meta jiġi mitlub referendum.

Is-sitt Dikjarazzjoni hija riżultat ta' l-aċċettazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen mingħajr eċċezzjoni u deroga.

It-tmien Dikjarazzjoni isservi biss għal skopijiet ta' informazzjoni.

Skambju ta' ittri dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Isvizzera f'kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat esekuttivi tagħha.

Bħan-Norveġja u l-Islanda, l-Isvizzera ser tipparteċipa bħala osservatur fil-ħidma tal-Kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat esekuttivi tagħha. Fit-tieni Dikjarazzjoni annessa ma' l-Ftehim man-Norveġja u l-Islanda, l-Unjoni Ewropea ddikjarat li tikkunsidra li d-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data[9] hija parti ewlenija ta' l-*acquis* ta' Schengen. Ma ġietx inkluża fil-lista ta' l-*acquis* ta' Schengen annessa mal-Ftehim ma' l-Islanda u n-Norveġja għaliex id-direttiva diġà kienet tifforma parti mill-*acquis* taż-ŻEE u għalhekk kienet diġà applikata mill-Islanda u n-Norveġja.

Il-parteċipazzjoni ta' dawn iż-żewġ pajjiżi fix-xogħol tal-Kumitati stabbiliti fiż-ŻEE hija mniżżla fl-Artikolu 100 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, li hija differenti għall-parteċipazzjoni fil-"Kumitati Schengen": fil-Kumitati li jittrataw l-oqsma li għandhom impatt fuq l-*acquis* taż-ŻEE, rappreżentanti taż-ŻEE m'humiex preżenti. Il-Parteċipazzjoni tagħhom hija żgurata fil-wisa' kemm hu possibbli fl-istadju preparatorju tal-miżuri ta' abbozz. L-Isvizzera m'hijiex membru taż-ŻEE, biss huwa eskluż li permezz ta' assoċjazzjoni ma' l-*acquis* ta' Schengen, id-drittijiet ta' l-Isvizzera imorru 'lil hinn minn dawk id-drittijiet mogħtija lin-Norveġja u l-Islanda li għażlu kooperazzjoni aktar fil-fond ma' l-UE fis-sura tal-Ftehim dwar iż-ŻEE.

Sussegwentement, sabiex jiġu stabbiliti drittijiet u obbligi ugwali, il-pożizzjoni ta' l-Isvizzera għandha tkun l-istess bħal dik ta' l-Islanda u n-Norveġja. Peress li d-direttiva dwar il-protezzjoni tad-data tkopri oqsma li jmorru 'lil hinn mill-*acquis* ta' Schengen, l-informazzjoni

[9] ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.

mogħtija lill-Isvizzera għandha tkun limitata f'punti li huma speċifikament relevanti għall-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen. Ukoll, l-Isvizzera, bħall-Islanda u n-Norveġja, tista' taħtar rappreżentant sabiex tipparteċipa bħala osservatur fil-"Grupp tax-Xogħol għall-Protezzjoni ta' l-Individwi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-Iproċessar tad-Data Personali" (Artikolu 29) dwar dawk il-punti li huma speċifikament relevanti għal Schengen.

Dikjarazzjoni komuni dwar il-laqgħat konġunti tal-Kumitati Mħallta

L-Ftehim ma' l-Islanda u n-Norveġja kif ukoll l-Ftehim ma' l-Isvizzera jistabbilixxu Kumitat Imħallat sabiex jiġu indirizzati l-affarijiet kollha tal-Kunsill li huma relevanti għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen. Il-partijiet kollha jaqblu li l-laqgħat ta' dawn iż-żewġ Kumitati Mħallta għandhom iseħħu flimkien.

Sabiex tinżamm l-istruttura preżenti li għall-ewwel perjodu ta' sitt xhur tas-sena r-rappreżentant ta' l-Unjoni Ewropea u għat-tieni perjodu ta' sitt xhur, pajjiż assoċjat jippresjedi il-Kumitat Imħallat fuq il-livell ta' uffiċjali għolja u ministri, il-pajjiżi assoċjati esprimew ix-xewqa tagħhom li jċedu, kif inhu meħtieġ, l-eserċizzju tal-presidenzi tagħhom u jirrotawha bejniethom abbażi ta' l-ordni alfabetika ta' l-ismijiet tagħhom.

Dublin/Eurodac:

Ftehim:

L-Artikolu 4(3) (li jikkorispondi fil-kontenut ma' l-Artikolu 7(2) b tal-Ftehim Schengen)

L-Isvizzera hija konċessa perjodu ta' sentejn għall-aċċettazzjoni u l-implimentazzjoni ta' *acquis* ġejjieni fis-sistema legali interna fil-każ li jiġi mitlub referendum. Jekk huwa possibbli, l-Isvizzera għandha tapplika l-iżvilupp ta' l-*acquis* fuq bażi proviżorja. Jekk l-Isvizzera ma tistax tapplika l-kontenut ta' l-iżvilupp fuq bażi proviżorja, l-UE u l-KE jistgħu jieħdu miżuri proporzjonali u meħtieġa kontra l-Isvizzera sabiex tiġi żgurata l-hidma effiċjenti tal-kooperazzjoni Dublin/Eurodac.

Artikolu 8:

Il-kalkolu tal-kontribut annwali ta' l-Isvizzera għan-nefqa ta' l-unità ċentrali ta' l-Eurodac hija bbażata fuq il-kontributi relevanti tan-Norveġja u l-Islanda, skond il-GDP ta' dawn it-tliet pajjiżi.

Artikolu 11:

Skond il-pożizzjoni speċjali tad-Danimarka f'dak li għandu x'jaqsam ma' atti adottati in segwitu għat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka għandha tkun assoċjata permezz ta' protokoll għall-Ftehim preżenti sabiex jinħolqu d-drittijiet u l-obbligi bejn id-Danimarka u l-Isvizzera f'dak li għandu x'jaqsam mad-dispożizzjonijiet ta' Dublin/Eurodac.

Ukoll, in-Norveġja u l-Islanda għandhom jikkonkludu ftehim ma' l-Isvizzera sabiex jinħolqu d-drittijiet u l-obbligi bejn il-partijiet assoċjati kollha li japplikaw l-*acquis* Dublin/Eurodac.

Artikolu 12:

Skond dan l-Artikolu, ċerti partijiet mill-Ftehim, eż. il-ħolqien tal-Kumitat Konġunt, huma proviżorjament applikati mal-firma. Din l-applikazzjoni proviżorja (u hemm dispożizzjoni simili għall-applikazzjoni proviżorja f'Schengen) ser tippermetti lill-Isvizzera li tħejji lilha nnifisha għall-implimentazzjoni teknika tal-Ftehim waqt il-perjodu tar-ratifika.

Artikolu 14:

Dan l-artikolu joħloq ir-rabta meħtieġa bejn l-implimentazzjoni u t-tmiem tal-Ftehim dwar Dublin/Eurodac u l-implimentazzjoni u t-tmiem tal-Ftehim Schengen.

Artikolu 15:

Fir-rigward ta' Schengen, din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Liechtenstein li jissieħeb fil-Ftehim bejn il-KE u l-Isvizzera dwar Dublin/Eurodac.

Att Aħħari:

Id-Dikjarazzjoni 2 tistipola li l-pożizzjoni ta' l-Isvizzera dwar il-parteċipazzjoni fid-direttiva dwar il-protezzjoni tad-data, mniżżla fl-iskambju ta' ittri dwar il-parteċipazzjoni ta' l-Isvizzera fil-Kumitati li jassistu lill-Kummissjoni fl-eserċizzju tas-setgħat esekuttivi annessi mal-Ftehim Schengen, tapplika mutatis mutandis għal elementi li jikkonċernaw speċifikament l-applikazzjoni tar-regolament ta' Dublin jew Eurodac.

Id-Dikjarazzjoni 3 tikkorrispondi mad-dikjarazzjoni simili magħmula mill-Isvizzera dwar l-Ftehim ta' Schengen (dikjarazzjoni 5) li permezz tagħha timpenja ruħha sabiex tgħaġġel kemm jista' jkun il-proċeduri differenti fil-każ li jintalab referendum.

Id-Dikjarazzjoni 4 isservi biss għal skopijiet ta' informazzjoni. Huwa madanakollu ta' min wieħed isemmi li għal Dublin/Eurodac, il-parteċipazzjoni f'Kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat esekuttivi tagħha – in segwitu għal mudell ta' l-Islanda u n-Norveġja għall-parteċipazzjoni tagħhom f'Dublin/Eurodac – issegwi l-istess struttura bħal dik prevista fl-Artikolu 100 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (ara Artikolu 2(6) ta' l-Abbozz ta' Ftehim).

Dikjarazzjoni komuni dwar il-laqgħat konġunti tal-Kumitati Konġunti

Il-Ftehim ma' l-Islanda u n-Norveġja kif ukoll il-Ftehim ma' l-Isvizzera jistabbilixxu kull wieħed Kumitat Konġunt sabiex jiġu indirizzati l-affarijiet kollha tal-Kunsill li huma relevanti għall-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* Dublin/Eurodac. Il-partijiet kollha jaqblu li l-laqgħat ta' dawn iż-żewġ Kumitati Konġunti għandhom iseħħu flimkien.

Sabiex tissaħħaħ l-istruttura preżenti li għall-ewwel perjodu ta' sitt xhur tas-sena ir-rappreżentant ta' l-Unjoni Ewropea u għat-tieni perjodu ta' sitt xhur, pajjiż assoċjat jippresjedi il-Kumitat Konġunt, il-pajjiżi assoċjati kollha esprimew ix-xewqa tagħhom li jċedu, kif inhu meħtieġ, l-eserċizzju tal-presidenzi tagħhom u jirrotawha bejniethom abbażi ta' l-ordni alfabetika ta' l-ismijiet tagħhom.

Dikjarazzjonijiet tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet (minuti miftehma):

Għall-fini ta' kompletezza, wieħed għandu jinnota d-dikjarazzjoni li jmiss tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet fil-kuntest tal-Ftehim ta' Schengen, li, madanakollu, m'humiex parti mill-Ftehim:

Id-Dikjarazzjoni 1 tistipola li s-Segretarjat Generali tal-Kunsill u l-missjoni Svizzera huma f'kuntatt regolari sabiex l-Isvizzera tista' tipproċedi malajr kemm jista' jkun bil-proċeduri interni tagħha sabiex twettaq il-ħtiġijiet kostituzzjonali tagħha, (eż. jekk Stat Membru neħħa riserva parlamentari eċċ.).

Id-Dikjarazzjoni 2 tgħid li d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll ta' l-akkwisti u l-pussess ta' l-armi ma tapplikax għall-akkwist jew il-pussess ta' l-armi jew il-munizzjon mill- – fost l-oħrajn – forzi armati. L-Isvizzera talbet is-servizzi tal-Kummissjoni sabiex tivverifika li s-sistema kurrenti Svizzera dwar il-ħruġ b'self ta' armi militari fil-qafas ta' kors tat-tiraturi ta' qabel is-servizz, il-ħruġ ta' armi militari waqt is-servizz militari u l-ħruġ ta' l-arma tas-servizz – mibdula f'arma semi-awtomatika - wara s-servizz militari, hija koperta mill-eżenzjoni hawn fuq imsemmija mill-applikazzjoni ta' din id-direttiva.

It-tielet Dikjarazzjoni tirrifletti l-interess sabiex tiġi żviluppata kemm jista' jkun il-kooperazzjoni Svizzera ma' l-Eurojust u man-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f' isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 38 tiegħu,

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Presidenza, megħjuna mill-Kummissjoni, fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen ġew konklużi;

(2) Bil-kundizzjoni tal-konklużjoni f'data aktar tard, huwa mixtieq li l-ftehim li ġie mibdi fil-25 ta' Ġunju 2004 jiġi ffirmat;

(3) Sa fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[10] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, ssir applikabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Isvizzera mal-firma;

(4) Ir-Renju Unit qiegħed jieħu sehem f'din id-deċiżjoni, fi qbil ma' l-Artikolu 5 tal-protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħu sehem f' xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[11];

(5) L-Irlanda qiegħda tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, fi qbil ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu

[10] ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 31.
[11] ĠU L 131, ta' l-01.06.2000, p. 43.

6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f' xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[12];

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Bil-kundizzjoni tal-konklużjoni f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar persuna bis-setgħa li tiffirma, f'isem l-Unjoni Ewropea il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-aquis ta' Schengen, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Aħħari, l-Iskambju ta' ittri dwar il-Kumitat li għandhom jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa esekuttiva tagħha u d-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Mħallta.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni tapplika fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Annessi A u B tal-Ftehim u għall-iżvilupp tagħhom sa tali punt fejn dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, jew, fi qbil mad-deċiżjoni 1999/436/KE[13], ġew determinati li għandhom, bażi legali fi ħdan it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Id-Dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE għandha tapplika, bl-istess mod, għall-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

[12] ĠU L 64 tas- 07.03.2002, p.20
[13] ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 17.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f' isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen,

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 63(3), 66 u 95 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[14],

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen ġew konklużi;

(2) Bil-kundizzjoni tal-konklużjoni f'data aktar tard, huwa mixtieq li l-ftehim li ġie inizjalat fil-25 ta' Ġunju 2004 jiġi ffirmat.

(3) Sa fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[15] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, ssir applikabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Isvizzera mal-firma;

(4) Fi qbil mal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[16], ir-Renju Unit m'huwiex jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni u m'huwiex marbut minnha u lanqas ma huwa suġġett għall-applikazzjoni tagħha ħlief fir-rigward ta' l-Artikoli 26, 27, 75 u 76 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-miżuri li jibnu fuqhom;

---

14 ĠU C [...], [...], p. [...].
15 ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 31.
16 ĠU L 131, ta' l-01.06.2000, p. 43.

(5) Fi qbil mal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[17], l-Irlanda m'hijiex tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta minnha u lanqas ma hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha ħlief fir-rigward ta' l-Artikoli 26, 27, 75 u 76 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-miżuri li jibnu fuqhom;

(6) Fi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha;

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Bil-kundizzjoni tal-konklużjoni f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar persuna bis-setgħa li tiffirma, f'isem il-Komunità Ewropea il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Aquis ta' Schengen, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Aħħari, l-Iskambju ta' ittri dwar il-Kumitat li għandhom jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa esekuttiva tagħha u d-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Mħallta.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni tapplika fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Annessi A u B tal-Ftehim u għall-iżvilupp tagħhom sa tali punt fejn dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, jew, fi qbil mad-deċiżjoni 1999/436/KE[18], ġew determinati li għandhom, bażi legali fi ħdan it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE għandhom japplikaw, bl-istess mod, għall-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

[17] ĠU L 64 tas-07.03.2002, p. 20
[18] ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 17.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f' isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 24 u l-Artikolu 38 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Presidenza,

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Presidenza, megħjuna mill-Kummissjoni, fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen ġew konklużi;

(2) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill .../.../KE ta' .....2004, u soġġetta għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard, il-ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fi 2004;

(3) Il-Ftehim għandu issa jiġi approvat;

(4) Sa fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp ta' *acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[19] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, applikazzjoni u zvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, ssir applikabbli għar-relazzjonijiet ma' l-Isvizzera;

(5) Ir-Renju Unit qiegħed jieħu sehem f'din id-deċiżjoni, fi qbil ma' l-Artikolu 5 tal-protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħdu sehem f' xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[20];

[19] ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 31.
[20] ĠU L 131, ta' l-01.06.2000, p. 43.

(6) L-Irlanda qiegħda tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, fi qbil ma' l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[21];

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Aquis ta' Schengen, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Aħħari, l-Iskambju ta' ittri dwar il-Kumitat li għandhom jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa esekuttiva tagħha u d-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Mħallta huma hawnhekk approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim, l-Att Aħħari, l-Iskambju ta' l-Ittri u d-Dikjarazzjoni Komuni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni tapplika fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Annessi A u B tal-Ftehim u għall-iżvilupp tagħhom sa tali punt fejn dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, jew, fi qbil mad-deċiżjoni 1999/436/KE[22], ġew determinati li għandhom, bażi legali fi ħdan it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE għandhom japplikaw, bl-istess mod, għall-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Titolu VI tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna bis-setgħa li jiddepożita f'isem l-Unjoni Ewropea l-Istrument ta' approvazzjoni li għalih hemm provdut fl-Artikolu 14 tal-Ftehim, sabiex jesprimi l-qbil ta' l-Unjoni Ewropea li tintrabat.

---

21 ĠU L 64 tas-07.03.2002, p. 20

22 ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p.17

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

2004/0199(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f' isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen,

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 62, 63(3), 66 u 95 flimkien mat-tieni sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[23],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni, fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen ġew konklużi;

(2) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill .../.../KE ta' .....2004, u soġġetta għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard, il-ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fi 2004;

(3) Il-Ftehim għandu issa jiġi approvat;

(4) Sa fejn għandu x'jaqsam l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[24] dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen, ssir applikabbli għar r-relazzjonijiet ma' l-Isvizzera;

(5) Fi qbil mal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u ta' l-Irlanda ta' Fuq sabiex jieħu sehem f' xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[25], ir-Renju Unit m'huwiex jieħu sehem

---

23 ĠU C [...], [...], p. [...].
24 ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 31.
25 ĠU L 131, ta' l-01.06.2000, p. 43.

f'din id-Deċiżjoni u m'huwiex marbut minnha u lanqas huwa suġġett għall-applikazzjoni ħlief fir-rigward ta' l-Artikoli 26, 27, 75 u 76 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-miżuri li jibnu fuqhom;

(6) Fi qbil mal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba ta' l-Irlanda sabiex tieħu sehem f' xi dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen[26], l-Irlanda m'hijiex tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta minnha u lanqas hija soġġetta għall-applikazzjoni tagħha ħlief fir-rigward ta' l-Artikoli 26, 27, 75 u 76 tal-Konvenzjoni ta' Schengen u l-miżuri li jibnu fuqhom;

(7) Fi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-Aquis ta' Schengen, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Aħħari, l-Iskambju ta' Ittri dwar il-Kumitat li għandhom jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa esekuttiva tagħha u d-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Mħallta huma hawnhekk approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

It-test ta' dan il-Ftehim, l-Att Aħħari, l-Iskambju ta' l-Ittri u d-Dikjarazzjoni Komuni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-deċiżjoni tapplika fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Annessi A u B tal-Ftehim u għall-iżvilupp tagħhom sa tali punt fejn dawk id-dispożizzjonijiet għandhom, jew, fi qbil mad-Deċiżjoni 1999/436/KE[27], ġew determinati li għandhom, bażi legali fi ħdan it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE għandhom japplikaw, bl-istess mod, għall-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*Acquis* ta' Schengen, li jaqa' taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

---

[26] ĠU L 64 tas- 07.03.2002, p. 20

[27] ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 17.

Artikolu 4

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna bis-setgħa li jiddepożita f'isem il-Komunità Ewropea l-Istrument ta' approvazzjoni li għalih hemm provdut fl-Artikolu 14 tal-Ftehim, sabiex jesprimi l-qbil tal-Komunità mar-rabta tagħha.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 63(1)(a), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[28],

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għal kif għandu jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, ġew konklużi;

(2) Bil-kundizzjoni tal-konklużjoni f'data aktar tard, huwa mixtieq li l-ftehim li ġie mibdi fil-25 ta' Ġunju 2004 jiġi ffirmat;

(3) Fi qbil ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda qegħdin jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni;

(4) Fi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Bil-kundizzjoni tal-konklużjoni f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar persuna bis-setgħa li tiffirma, f' isem il-Komunità Ewropea, il-Ftehim

[28] ĠU C [...], [...], p. [...].

bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi li bihom għandu jiġi stabbilit liema stat huwa responsabbli għall-eżami ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Aħħari, u fid-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Konġunti.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

2004/0200(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 63(1)(a), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu u l-ewwel sub-paragrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[29],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew;

Billi:

(1) Wara l-awtorizzazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni fis-17 ta' Ġunju 2002, in-negozjati ma' l-Awtoritajiet Svizzeri, dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għal kif għandu jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, ġew konklużi

(2) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill .../.../KE ta' .....2004, u soġġetta għall-konklużjoni Aħħari tagħha f'data aktar tard, dan il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea fi 2004;

(3) Il-Ftehim għandu issa jiġi approvat;

(4) Huwa wkoll meħtieġ li jsiru l-arranġamenti għall-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim;

(5) Il-Ftehim jistabbilixxi Kumitat Konġunt b'setgħat ta' teħid tad-deċiżjonijiet f'ċerti oqsma u huwa għalhekk neċessarju li jiġi speċifikat min jirrappreżenta l-Komunità fi ħdan dan il-Kumitat;

(6) Aktar min hekk, huwa meħtieġ li wieħed jaħseb għal proċedura li tistipola kif għandha tiġi adottata pożizzjoni tal-Komunità;

---

[29] ĠU C [...], [...], p. [...].

(7) Fi qbil ma' l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ir-Renju Unit u l-Irlanda qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni;

(8) Fi qbil ma' l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka m'hijiex tipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u m'hijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha;

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Iżvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit liema huwa l-Istat Responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera, u d-dokumenti relatati li jikkonsistu fl-Att Aħħari, u mid-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Konġunti huma hawnhekk approvati f' isem il-Komunità Ewropea.

It-testi ta' dan il-Ftehim, l-Att Aħħari, u d-Dikjarazzjoni Komuni huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna bis-setgħa li tiddepożita f'isem il-Komunità Ewropea l-Istrument ta' approvazzjoni li għalih hemm provdut fl-Artikolu 12 tal-Ftehim, sabiex tesprimi l-qbil tal-Komunità mar-rabta tagħha.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni ser tirrappreżenta lill-Komunità fil-Kumitat Konġunt li huwa stabbilit mill-Artikolu 3 tal-Ftehim.

Artikolu 4

1. Il-pożizzjoni tal-Komunità fi ħdan il-Kumitat Konġunt għal dak li jirrigwarda l-adozzjoni tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu kif inhu meħtieġ mill-Artikolu 3(2) tal-Ftehim ser tittieħed mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill.

2. Għad-deċiżjonijiet l-oħra kollha tal-Kumitat Konġunt, il-pożizzjoni tal-Komunità ser tkun adottata mill-Kunsill, li għandu jieħu azzjoni permezz ta' maġġoranza kwalifikata, fuq proposta tal-Kummissjoni.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussel,

Għall-Kunsill
Il-President

FTEHIM

bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen

L-UNJONI EWROPEA,

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

u

L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA,

minn hawn 'il quddiem "il-Partijiet Kontraenti",

BILLI bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, l-Unjoni Ewropea qiegħdet fil-mira tagħha l-għan li żżomm u tiżviluppa l-Unjoni bħala żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, fejn il-moviment ħieles tal-persuni huwa żgurat flimkien ma' miżuri xierqa fir-rigward ta' kontrolli tal-fruntieri esterni, ir-rifuġju, l-immigrazjoni u l-prevenzjoni ta' u l-ġlieda kontra l-kriminalità ;

BILLI l-*acquis* ta' Schengen, li huwa integrat fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea huwa parti mid-dispożizzjonijiet diżinjati li joħolqu din iż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja sa tali punt fejn dawn joħolqu żona mingħajr kontrolli fuq il-fruntieri u jipprovdu miżuri ta' kumpens sabiex jintlaħaq livell għoli ta' sigurtà ;

B' KONSIDERAZZJONI tal-qagħda ġografika tal-Konfederazzjoni Svizzera ;

BILLI l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-*acquis* ta' Schengen u fl-iżvilupp tiegħu ġejjieni sejra, minn naħa tippermetti li jiġu eliminati ċerti ostakoli għaċ-ċaqliq ħieles tal-persuni b'riżultat tal-qagħda ġeografika tal-Konfederazzjoni Svizzera u min-naħa l-oħra, issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera f'dawk l-oqsma koperti mill-*acquis* ta' Schengen ;

BILLI l-Ftehim konkluż fit-18 ta' Mejju 1999 bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja[30] assoċja dawn ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen ;

BILLI huwa mixtieq li l-Konfederazzjoni Svizzera tkun assoċjata fuq livell ta' mpar l-Islanda u n-Norveġja fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-aquis ta' Schengen ;

BILLI ftehim għandu jiġi konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera bid-drittijiet u l-obbligi simili għal dawk miftehma bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea minn naħa u l-Islanda u n-Norveġja min-naħa l-oħra ;

KONVINTI bil-ħtieġa li tiġi organizzata l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera f' dak li għandu x'jaqsam ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni prattika u l-iżvilupp ġejjieni ta' l-*acquis* ta' Schengen ;

---

30 ĠU L 176, ta' l-10.07.1999, p.35.

BILLI huwa meħtieġ, sabiex il-Konfederazzjoni Svizzera tiġi assoċjata ma' l-attivitajiet ta' l-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim u sabiex tiġi permessa li tieħu sehem f'dawk l-attivitajiet, li jitwaqqaf kumitat fi qbil mal-mudell istituzzjonali stabbilit għall-assoċjazzjoni ta' l-Islanda u n-Norveġja ;

BILLI il-kooperazzjoni ta'Schengen hija bbażata fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif garantiti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali ta' l-4 ta' Novembru 1950 ;

BILLI d-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-atti adottati abbażi ta' dak it-Titolu ma japplikawx għar-Renju tad-Danimarka in segwitu għall-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka annessa mit-Trattat ta' Amsterdam għal mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u filwaqt li d-deċiżjonijiet maħsuba li jiżviluppaw l-*acquis* ta' Schengen fl-applikazzjoni ta' dak it-Titolu li d-Danimarka t-trasponiet għal ġewwa l-liġi domestika jistgħu biss joħolqu obbligi ta' liġi internazzjonali bejn id-Danimarka u l-Istati Membri l-oħra ;

BILLI r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Irlanda jipparteċipaw f'ċerti dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, fi qbil mad-deċiżjonijiet meħuda in segwitu għall-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea u anness mit-Trattat ta' Amsterdam mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea[31] ;

BILLI huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati li magħhom l-Unjoni Ewropea stabbiliet assoċjazzjoni għall-iskop ta' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen japplikaw dan l-*acquis* fir-relazzjonijiet ta' bejniethom ;

BILLI l-operat effettiv ta' l-*acquis* ta' Schengen jeħtieġ li dan il-Ftehim jiġi applikat simultanjament mal-Ftehimiet bejn il-partijiet varji assoċjati ma' jew li qed jipparteċipaw fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen li jirregola ir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom ;

WARA LI ĠIE KKUNSIDRAT il-Ftehim dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* tal-Komunità dwar it-tfassil tal-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi ddeterminat l-istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri u li jittratta dwar it-twaqqif tas-sistema "Eurodac" ;

BILLI wieħed iżomm preżenti ir-rabta bejn l-*acquis* ta' Schengen u l-*acquis* tal-Komunità ;

BILLI din ir-rabta titlob li l-*acquis* ta' Schengen jiġi applikat flimkien ma' l-*acquis* tal-Komunità dwar l-istabiliment ta' kriterji u mekkaniżmi sabiex jiġi determinat l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għar-rifuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri dwar it-twaqqif tas-sistema "Eurodac" ;

FTIEHMU KIF ĠEJ:

---

[31] ĠU L 131, ta' l-1.6.2000, p. 43, u ĠU L 64 tas-7.3.2002, p.20.

Artikolu 1

1. Il-Konfederazzjoni Svizzera, minn hawn il-quddiem "l-Isvizzera" ser tkun assoċjata ma' l-attivitajiet tal-Komunità Ewropea u l-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mid-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Annessi A u B ta' dan il-Ftehim u l-iżvilupp tagħhom aktar fil-fond.

2. Dan il-Ftehim joħloq drittijiet u obbligi fi qbil mal-proċeduri stipolati fih.

Artikolu 2

1. Id-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen kif elenkati fl-Anness A ta' dan il-Ftehim, kif japplikaw lill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn il-quddiem "l-Istati Membri", ser ikunu implimentati u applikati mill-Isvizzera.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' l-atti ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea elenkati fl-Anness B ta' dan il-Ftehim, sa tali punt fejn ikunu ħadu post u/jew żviluppaw dispożizzjonijiet korrispondent ta', jew dispożizzjonijiet adottati in segwitu għall-Konvenzjoni ffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-ftehim dwar it-tneħħija fi stadji tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni, minn hawn il-quddiem il-"Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen", ser ikunu implimentati u applikati mill-Isvizzera.

3. L-atti u l-miżuri meħuda mill-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Annessi A u B, li għalihom il-proċeduri stipolati f'dan il-Ftehim ġew applikati, sejrin ukoll, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, ikunu aċċettati, implimentati u applikati mill-Isvizzera.

Artikolu 3

1. Kumitat Imħallat huwa hawnhekk stabbilit. Dan huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Gvern Svizzeru, membri tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn il-quddiem, "il-Kunsill", u l-membri tal-Kummisjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn il-quddiem "il-Kummissjoni".

2. Il-Kumitat Imħallat ser jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu b'kunsens.

3. Il-Kumitat Imħallat ser jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu jew fuq talba ta' wieħed mill-membri tiegħu, ikun min ikun.

4. Bil-kundizzjoni ta' l-Artikolu 4(2), il-Kumitat Imħallat għandu jiltaqa' fuq livell ta' Ministri, Uffiċjali għolja jew esperti, kif jeħtieġu ċ-ċirkostanzi.

5. L-uffiċju ta' President tal-Kumitat Imħallat ser jinżamm:

- fuq il-livell ta' esperti: minn rappreżentanti ta' l-Unjoni Ewropea;

- fuq il-livell ta' uffiċjali għolja u Ministri: darba iva u oħra le, għal perjodu ta' sitt xhur, mir-rappreżentant ta' l-Unjoni Ewropea u mir-rappreżentant tal-Gvern Svizzeru.

Artikolu 4

1. Il-Kumitat Imħallat għandu jindirizza, fi qbil ma' dan il-Ftehim, il-kwistjonijiet kollha koperti mill-Artikolu 2 u għandu jiżgura li kull interess min-naħa ta' l-Isvizzera huwa kunsidrat kif xieraq.

2. Fil-Kumitat Imħallat fuq livell ministerjali, ir-rappreżentanti ta' l-Isvizzera ser ikollhom l-opportunità:

– li jispjegaw il-problemi li jiltaqgħu magħhom fir-rigward ta' att jew miżura partikolari jew biex jieħdu azzjoni dwar problemi li ltaqgħu magħhom delegazzjonijiet oħra;

– sabiex jesprimu ruħhom dwar kull mistoqsija li tikkonċerna l-iżvilupp tad-dispożizzjonijiet ta' interess għalihom jew l-implimentazzjoni ta' tali dispożizzjonijiet.

3. Laqgħat tal-Kumitat Imħallat fuq livell ministerjali ser ikunu preparati mill-Kumitat Imħallat fuq il-livell ta' uffiċjali għolja.

4. Ir-rappreżentant tal-Gvern Svizzeru ser ikollu d-dritt li jagħmel suġġerimenti fil-Kumitat Imħallat dwar il-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Wara diskussjoni, il-Kummissjoni jew kull Stat Membru jistgħu jikkunsidraw tali suġġerimenti bl-iskop li jagħmlu proposta jew li jieħdu inizjattiva, fi qbil mar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea, għall-adozzjoni ta' att jew miżura tal-Komunità Ewropea jew ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, il-Kumitat Imħallat ser ikun infurmat dwar il-preparazzjoni fi ħdan il-Kunsill ta' kull att jew miżura li tista' tkun relevanti għal dan il-Ftehim.

Artikolu 6

Waqt it-tifsil ta' leġislazzjoni ġdida f'qasam li huwa kopert minn dan il-Ftehim, il-Kummisjoni ser tfittex il-konsultazzjoni informali ta' l-esperti Svizzeri bl-istess mod li tfittex il-konsultazzjoni mill-esperti ta' l-Istati Membri sabiex tasal għall-proposti tagħha.

Artikolu 7

1. L-adozzjoni ta' atti jew ta' miżuri ġodda li huma relatati mal-kwistjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 2 ser ikunu riżervati għall-istituzzjonijiet kompetenti ta' l-Unjoni Ewropea. Bil-kundizzjoni tal-paragrafu 2, tali atti jew miżuri ser jidħlu fis-seħħ flimkien għall-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha konċernati u għall-Isvizzera, sa kemm dawk l-atti jew miżuri ma jipprovdux espliċitament mod ieħor. F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat kif inhu xieraq il-perjodu ta' żmien indikat mill-Isvizzera fil-Kumitat Imħallat bħala meħtieġ sabiex jiġi permess lilha li twettaq il-ħtiġijiet kostituzzjonali tagħha.

2. (a) Il-Kunsill għandu jinnotifika lill-Isvizzera immedjatament dwar l-adozzjoni ta' l-atti jew il-miżuri li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 li għalih ġew applikati il-proċeduri stipulati f'dan il-Ftehim. L-Isvizzera ser tiddeċiedi jekk hijiex ser taċċetta jew le l-kontenut tagħhom u jekk hijiex ser timplimentahom fil-qafas legali intern tagħha. Din id-deċiżjoni ser tkun notifikata lill-Kunsill u lill-Kummisjoni fi żmien tletin jum mill-adozzjoni ta' l-atti jew il-miżuri konċernati.

(b) Jekk il-kontenut ta' tali atti jew miżuri jista' jsir jorbot fuq l-Isvizzera biss wara t-twettiq tal-ħtiġijiet kostituzzjonali, l-Isvizzera għandha tinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni b'dan fil-mument tan-notifika. L-Isvizzera għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Kunsill u lill-Kummissjoni bil-kitba meta tkun wettqet il-ħtiġijiet kostituzzjonali kollha. Meta referendum mhux meħtieġ, in-notifika għandha sseħħ meta jiskadi l-ultimatum tar-referendum. Jekk huwa meħtieġ referendum, l-Isvizzera ser ikollha perjodu massimu ta' sentejn mid-data tan-notifika tal-Kunsill li fih għandha tagħmel in-notifika tagħha. Mid-data stipulata għad-dħul fis-seħħ ta' l-att jew miżura għall-Isvizzera u sakemm tagħti in-notifika li l-ħtiġijiet kostituzzjonali ġew imwettqa, l-Isvizzera sejra, fejn hu possibli, timplimenta l-att jew il-miżura in kwistjoni fuq bażi proviżorja.

Jekk l-Isvizzera ma tistax timplimenta l-att jew il-miżura in kwistjoni fuq bażi proviżorja, u jekk dan jikkawża problemi li jħarbtu l-operat tal-kooperazzjoni ta' Schengen, is-sitwazzjoni għandha tiġi eżaminata mill-Kumitat Imħallat. L-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea jistgħu jieħdu miżuri proporzjonati u xierqa kontra l-Isvizzera sabiex jiżguraw li l-kooperazzjoni ta' Schengen topera sewwa.

3. L-aċċettazzjoni mill-Isvizzera ta' l-atti u l-miżuri li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 2 toħloq drittijiet u obbligi bejn l-Isvizzera minn naħa, u l-Unjoni Ewropea, il-

Komunità Ewropea u l-Istati Membri, sa tali punt fejn dawn huma marbutin minn dawn l-atti u l-miżuri, min-naħa l-oħra.

4. Fejn:

(a) L-Isvizzera tinnotifika id-deċiżjoni tagħha li ma taċċettax il-kontenut ta' att jew miżura li għaliha hemm referenza fil-paragrafu 2, li għalih ġew applikati l-proċeduri stipulati f'dan il-Ftehim, jew

(b) l-Isvizzera ma tagħmilx notifika fi żmien il-perjodu ta' tletin jum li għalih hemm referenza fil-paragrafu 2(a) jew il-paragrafu 5(a), jew

(c) l-Isvizzera ma tagħmilx notifika wara li jkun skada ultimatum ta' referendum, jew, fil-każ ta' referendum, fi żmien is-sentejn stipulati fil-paragrafu 2(b), jew li ma tipprovdix għall-implimentazzjoni proviżorja kif maħsuba fl-istess sub-paragrafu mid-data mniżżla għad-dħul fis-seħħ ta' l-att jew il-miżura in kwistjoni.

dan il-Ftehim ser jiġi meqjus mitmum sakemm il-Kumitat Imħallat, wara li jkun eżamina mezzi sabiex jitkompla l-Ftehim, jiddeċiedi mod ieħor fi żmien disgħin jum. It-tmiem ta' dan il-Ftehim ser iseħħ tliet xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disgħin jum.

5. (a) Jekk id-dispożizzjonijiet ta' att jew miżura ġdida għandhom l-effett li ma jħallux aktar lil Stat Membru milli jissoġġetta l-aderenza mat-talbiet għall-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali jew fl-għarfien ta' ordnijiet minn Stati Membri oħra sabiex jiġu mfittxija postijiet u/jew konfiskati oġġetti ta' evidenza għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 51 tal-Konvenzjoni li Timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, l-Isvizzera tista' tinnotifika l-Kunsill u l-Kommissjoni fi żmien tletin jum, kif hemm imniżżel fil-paragrafu 2(a) li m'hijiex ser taċċetta jew timplimenta dawk id-dispożizzjonijiet fil-qafas legali intern fejn japplikaw għal talbiet ta' tiftix u konfiska jew ordnijiet magħmula għall-fini ta' investigazzjoni jew prosekuzzjoni ta' offiżi fil-qasam ta' tassazjoni diretta li, jekk komessi fl-Isvizzera, ma jkunux punibbli taħt il-liġi Svizzera b'kustodja penali. F'dak il-każ, dan il-Ftehim m'hux ser ikun kunsidrat bħala mitmum, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet ta' paragrafu 4.

(b) Il-Kumitat Imħallat għandu jiltaqa' fi żmien xahrejn wara t-talba ta' wieħed mill-membri tiegħu, u filwaqt li jikkunsidra żviluppi internazzjonali, għandu jiddiskuti s-sitwazzjoni li tirriżulta minn-notifika in segwitu għal punt (a).

Ladarba l-Kumitat Imħallat laħaq ftehim unanimu dwar l-aċċettazzjoni u l-implimentazzjoni totali mill-Isvizzera tad-dispożizzjonijiet relevanti ta' l-att jew il-miżura l-ġdida, paragrafi 2(b), 3 u 4 ser japplikaw. L-informazzjoni li għaliha hemm referenza fl-ewwel sentenza ta' paragrafu 2(b) għandha tiġi provduta fi żmien tletin jum tal-ftehim milħuq fil-Kumitat Imħallat.

Artikolu 8

1. Sabiex jinkiseb l-għan tal-Partijiet Kontraenti li jiġu żgurati l-iżjed applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 2, il-Kumitat Imħallat ser iżomm taħt reviżjoni kontinwa l-iżviluppi fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropea, minn hawn 'il quddiem "il-Qorti tal-Ġustizzja", u fil-każistika li għandha x'taqsam ma' tali dispożizzjonijiet tal-qrati Svizzeri kompetenti. Għal

dan il-għan, għandu jitwaqqaf mekkaniżmu sabiex tiġi żgurata it-trażmissjoni reċiproka ta' tali każistika.

2. L-Isvizzera ser ikollha d-dritt li tressaq dikjarazzjonijiet ta' każ jew osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja f'każijiet fejn qorti fi Stat Membru applikat lill-Qorti tal-Ġustizzja għal sentenza preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 2.

Artikolu 9

1. Kull sena l-Isvizzera għandha tirrapporta lill-Kumitat Imħallat dwar il-mod li bih l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati tagħha applikaw u interpretaw id-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 2, kif interpretat, fejn hu relevanti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Jekk, fi żmien xahrejn li jkun ġie mgħarraf dwar nuqqas ta' uniformità sostanzjali bejn il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizza u dik tal-qrati Svizzeri, jew dwar divrenzja sostanzjali bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri konċernati u l-awtoritajiet Svizzeri fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 2, il-Kumitat Imħallat ma jkunx jista' jiżgura applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi, il-proċedura provduta fl-Artikolu 10 ser tinbeda.

Artikolu 10

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim jew fejn is-sitwazzjoni provduta fl-Artikolu 9(2) isseħħ, il-kwistjoni għandha tiddaħħal uffiċjalment bħala kwistjoni ta' nuqqas ta' qbil fl-aġenda tal-Kumitat Imħallat, li jkun qed jiltaqa' fuq livell ministerjali.

2. Il-Kumitat Imħallat ser ikollu disgħin jum sabiex isib soluzzjoni għan-nuqqas ta' qbil, li jibdew mid-data ta' l-adozzjoni ta' l-aġenda fuq liema n-nuqqas ta' qbil ikun tqiegħdet.

3. Fejn in-nuqqas ta' qbil ma jistax jissolva mil-Kumitat Imħallat fi żmien id-disgħin jum provduti fil-paragrafu 2, din id-data ta' skadenza ser tiġi estiża bi tletin jum bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim Aħħari.

Jekk l-ebda soluzzjoni Aħħari ma' tinstab, dan il-Ftehim ser jintemm sitt xhur wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tletin jum.

Artikolu 11

1. Fir-rigward ta' l-infiq amministrattiv marbut ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-Isvizzera ser tagħmel kontribut annwali lill-bàġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ta' 7.286% ta' ammont ta' EUR 8 100 000, suġġett għal aġġustament annwali sabiex jirrifletti l-inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea.

2. Fir-rigward tan-nefqa marbuta ma' l-iżvilupp tat-tieni Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS II), l-Isvizzera ser tikkontribwixxi somma annwali lill-bàġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-snin finanzjarji relevanti, li jibdew mis-sena finanzjarja 2002,

kkalkolati skond il-prodott gross domestiku bħala perċentwali tal-prodott gross domestiku ta' l-Istati kollha li jipparteċipaw.

Il-kontribut għas-snin finanzjarji ta' qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim ser ikunu pagabbli meta l-Ftehim jidħol fis-seħħ.

3. Fil-każijiet fejn l-infiq ta' l-operat marbut ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim m'huwiex imniżżel taħt il-bàġit tal-Komunitajiet Ewropew, iżda huma pagabbli direttament mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw, l-Isvizzera ser tikkontribwixxi għal dan l-infiq skond il-prodott gross domestiku tagħha, kkalkolat bħal perċentwal tal-prodott gross domestiku ta' l-Istati parteċipanti kollha.

Fejn l-infiq ta' l-operat huwa imniżżel taħt il-bàġit ġenerali tal-Komunità Ewropea, l-Isvizzera ser tagħti sehem permezz tal-kontribut ta' somma annwali għall-bàġit hawn fuq imsemmi, kkalkolata skond il-prodott gross domestiku bħala perċentwal tal-prodott gross domestiku ta' l-Istati parteċipanti kollha.

4. L-Isvizzera ser ikollha d-dritt li tirċievi dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim imfassla mill-Kummissjoni jew il-Kunsill u, fil-laqgħat tal-Kumitat Imħallat, li titlob l-interpretazzjoni f' lingwa uffiċjali ta' l-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej li tixtieq.

Artikolu 12

1. Dan il-Ftehim mhux ser jaffettwa bl-ebda mod il-Ftehimiet konklużi bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera, jew bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa u l-Isvizzera min-naħa l-oħra.

2. Dan il-Ftehim mhux ser jaffettwa il-Ftehimiet li jorbtu l-Isvizzera minn naħa u wieħed jew aktar mill-Istati Membri min-naħa l-oħra, sa kemm dawn huma kompatibbli ma' dan il-Ftehim. Jekk dawn il-Ftehimiet huma inkompatibbli ma' dan il-Ftehim, dan ta' l-aħħar għandu jieħu l-preċedenza.

3. Dan il-Ftehim mhux ser jaffettwa bl-ebda mod il-Ftehimiet konklużi ma' l-Isvizzera mill-Komunità Ewropea, jew bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa u l-Isvizzera min-naħa l-oħra, jew Ftehimiet konklużi abbażi ta' l-Artikolu 24 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 13

1. L-Isvizzera ser tikkonkludi ftehim mar-Renju tad-Danimarka dwar il-ħolqien ta' drittijiet u obbligi bejn id-Danimarka u l-Isvizzera fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 li jaqgħu taħt it-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea; il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mit-Trattat ta' Amsterdam mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea sejjer għalhekk japplika għal dawn id-dispożizzjonijiet.

2. L-Isvizzera ser tikkonkludi ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar il-ħolqien ta' drittijiet u obbligi reċiproki abbażi tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.

Artikolu 14

1. Dan il-Ftehim ser jidħol fis-seħħ xahar wara l-jum li fih is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, fil-kapaċità tiegħu ta' depożitarju, jkun stabbilixxa li l-ħtiġijiet formali kollha ġew sodisfatti f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-għotja tal-kunsens minn, jew f'isem, il-Partijiet li għandhom jintrabtu minn dan il-Ftehim.

2. L-Artikoli 1, 3, 4, 5, 6 u 7(2)(a) l-ewwel sentenza, ser japplikaw proviżorjament mill-waqt tal-firma ta' dan il-Ftehim.

3. Fir-rigward ta' l-atti jew miżuri li jiġu adottati wara li jiġi ffirmat dan il-Ftehim, biss qabel ma jidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' tletin jum li għalih hemm referenza fl-Artikolu 7(2)(a), l-aħħar sentenza ser jibda jiskorri mil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 15

1. Id-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fl-Annessi A u B u dawk li diġà ġew adottati in segwitu għall-Artikolu 2(3) ser jiddaħħlu fis-seħħ mill-Isvizzera f'data li għanda tiġi ffissata mill-Kunsill, permezz ta' l-unanimità tal-Membri li qed jirrappreżentaw il-gvernijiet ta' dawk l-Istati Membri li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi A u B. Dan wara konsultazzjoni mal-Kumitat Imħallat u wara li jkun sodisfatt li l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti ġew sodisfatti mill-Isvizzera u l-kontrolli fuq il-fruntieri esterni tagħha huma effettivi.

Il-Membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw il-gvernijiet ta' l-Irlanda u tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ser ikunu involuti fit-teħid ta' din id-deċiżjoni sa fejn tirrigwarda d-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen u l-atti msejsa fuqu jew li għandhom x'jaqsmu miegħu li fihom jipparteċipaw dawk l-Istati Membri.

Il-Membri tal-Kunsill li jirrapreżentaw il-gvernijiet ta' l-Istati Membri li għalihom, skond it-Trattat tas-Sħubija, ftit biss mid-dispożizzjonijiet ta' l-Annessi A u B japplikaw ser ikunu involuti fit-teħid ta' din id-deċiżjoni sa tali punt fejn tirrigwarda d-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen li diġà japplikaw għalihom.

2. L-Implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li għalihom hemm referenza fil-paragrafu 1 toħloq drittijiet u obbligi bejn l-Isvizzera minn naħa, skond il-każ u l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri, sa tali punt fejn dawn huma marbutin minn dawn l-atti u l-miżuri, min-naħa l-oħra.

3. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat biss jekk il-Ftehimiet li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 13 jiġu implimentati wkoll.

4. Iktar minn hekk, dan il-Ftehim għandu jiġi applikat biss jekk il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera fuq il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-istabiliment ta' l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri jew fl-Isvizzera jiġi implimentat ukoll.

Artikolu 16

1. Il-Liechtenstein jista' jissieħeb ma' dan il-Ftehim.

2. Is-sħubija tal-Liechtenstein ser tkun soġġetta għall-protokoll għal dan il-Ftehim, li jistipola il-konsegwenzi kollha tas-sħubija, inklużi l-ħolqien ta' drittijiet u obbligi bejn il-Liechtenstein u l-Isvizzera u bejn il-Liechtenstein minn naħa u l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha sa fejn huma marbuta mid-dispożizzjonijiet ta' l-*acquis* ta' Schengen, min-naħa l-oħra.

Artikolu 17

Dan il-Ftehim jista' jiġi mitmum mill-Isvizzera jew minn deċiżjoni tal-Kunsill b'azzjoni fuq l-unanimità tal-Membri tiegħu. Id-depożitarju għandu jiġi mgħarraf dwar it-tmiem, li għandu jseħħ sitt xhur wara n-notifika.

Artikolu 18

Dan il-Ftehim ser ikun kunsidrat bħala mitmum jekk l-Isvizzera ttemm wieħed mill-Ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 13 jew tal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 15(4).

Magħmul fi….fl-…. f'żewġ kopji bil-Ġermaniż, Ingliż, Daniż, Spanjol, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Grieg, Ungeriż, Irlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Slovakk, Sloven, Svediż u Ċek, kull test awtentiku daqs l-oħrajn.

ANNESS A

(Artikolu 2(1))

Parti 1 ta' dan l-Anness tirreferi għall-Ftehim ta' Schengen ta' l-1985 u l-Konvenzjoni li timplimenta dan il-Ftehim, iffirmata f'Schengen fl-1990. Parti 2 tirreferi għall-istrumenti tas-sħubija u Parti 3 għal-leġislazzjoni sekondarja relevanti ta' Schengen.

PARTI 1

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim li ġie ffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontroll fuq il-fruntieri komuni tagħhom.

Id-dispożizzjonijiet kollha tal-Konvenzjoni li ġew iffirmati f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u r-Renju ta' l-Olanda, li jimplimentaw il-Ftehim ta' Schengen bl-eċċezzjoni ta':

L-Artikolu 2(4) dwar il-kontrolli fuq il-merkanzija

L-Artikolu 4 sa fejn għandhom x'jaqsmu l-kontrolli fuq il-bagalji

L-Artikolu 10(2)

L-Artikolu 19(2)

L-Artikolu 28 sa 38 u definizzjonijiet relatati

L-Artikolu 60

L-Artikolu 70

L-Artikolu 74

L-Artikoli 77 sa 91 sa fejn huma koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' l-armi tan-nar

L-Artikoli 120 sa 125 dwar iċ-ċaqliq tal-merkanzija

L-Artikoli 131 sa 133

L-Artikolu 134

L-Artikoli 139 sa 142

L-Att Aħħari: dikjarazzjoni 2 L-Att Aħħari: dikjarazzjonijiet 4, 5 u 6

Il-Minuti

Id-Dikjarazzjoni Konġunta

Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

PARTI 2

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehimiet tas-Sħubija u l-Protokolli għall-Ftehim ta' Schengen u l-Konvenzjoni ta' Schengen mar-Repubblika Taljana (ffirmati f' Pariġi fis-27 ta' Novembru 1990), ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika Portugiża (ffirmati f' Bonn fil-25 ta' Ġunju 1991), ir-Repubblika Ellenika (ffirmati f'Madrid fis-6 ta' Novembru 1992), ir-Repubblika ta' l-Awstrija (ffirmati fi Brussell fit-28 ta' April 1995) u r-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Finlandiża u r-Renju ta' l-Isvezja (ffirmati fil-Lussemburgu fid-19 ta' Diċembru 1996), bl-eċċezzjoni ta':

1. Il-Protokoll, iffirmat f' Pariġi fis-27 ta' Novembru 1990, mas-sħubija tal-Gvern tar-Repubblika Taljana fil-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju ta' l-1985.

2. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim, iffirmat f'Pariġi fis-27 ta' Novembru 1990, dwar Is-sħubija tar-Repubblika Taljana fil-Konvenzjoni, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni, l-Att Aħħari u dikjarazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 1

L-Artikoli 5 u 6

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjonijiet 2 u 3

Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

3. Il-Protokoll, iffirmat f'Bonn fil-25 ta' Ġunju 1991, mas-sħubija tal-Gvern tar-Renju ta' Spanja fil-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju ta' l-1985, kif emendat mill-Protokol dwar is-Sħubija mill-Gvern tar-Repubblika Taljana, ffirmat f'Pariġi fis-27 ta' Novembru 1990, u d-dikjarazzjonijiet anċillari tiegħu.

4. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim iffirmat f'Bonn fil-25 ta' Ġunju 1991 mas-sħubija tar-Renju ta' Spanja fil-Konvenzjoni ffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni, li magħha ssieħbet ir-Repubblika Taljana permezz tal-Ftehim li ġie ffirmat fis-27 ta' Novembru 1990, l-Att Aħħari tagħha u dikjarazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 1

L-Artikoli 5 u 6

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjonijiet 2 u 3

L-Att Aħħari: Parti III, dikjarazzjonijiet 3 u 4

Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

5. Il-Protokoll, iffirmat f'Bonn fil-25 ta' Ġunju 1991, mas-sħubija tal-Gvern tar-Repubblika tal-Portugall fil-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju ta' l-1985, kif emendat mill-Protokoll dwar is-Sħubija mill-Gvern tar-Repubblika Taljana, iffirmat f'Pariġi fis-27 ta' Novembru 1990, u d-dikjarazzjonijiet anċillari tiegħu.

6. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim, iffirmat f'Bonn fil-25 ta' Ġunju 1991 mas-sħubija tar-Repubblika Portugiża fil-Konvenzjoni, iffirmat f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 li jimplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni, li magħha ssieħbet ir-Repubblika Taljana permezz tal-Ftehim li ġie ffirmat fis-27 ta' Novembru 1990, l-Att Aħħari tiegħu u dikjarazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 1

L-Artikoli 7 u 8

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjonijiet 2 u 3

L-Att Aħħari: Parti III, dikjarazzjonijiet 2, 3, 4 u 5

Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

7. Il-Protokoll iffirmat f'Madrid fis-6 ta' Novembru, mas-sħubija tal-Gvern tar-Repubblika Ellenika fil-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f' Schengen fl-14 ta' Ġunju ta' l-1985, kif emendat mill-Protokoll dwar is-Sħubija mill-Gvern tar-Repubblika Taljana, ffirmat f'Pariġi fis-27 ta' Novembru 1990, u mill-Gvernijiet tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża, iffirmat f'Bonn fil-25 ta' Ġunju 1991 u d-dikjarazzjonijiet anċillari tiegħu.

8. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim iffirmat f'Madrid fis-6 ta' Novembru 1992 mas-sħubija tar-Repubblika Ellenika fil-Konvenzjoni, iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta' l-Istati ta' l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni, li magħha ssieħbet ir-Repubblika Taljana permezz tal-Ftehim li ġie ffirmat fis-27 ta' Novembru 1990, u mill-

Gvernijiet tar-Renju ta’ Spanja u tar-Repubblika Portugiża, iffirmat f’Bonn fil-25 ta’ Ġunju 1991 u d-dikjarazzjonijiet anċillari tiegħu l-Att Aħħari tiegħu u dikjarazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 1

L-Artikoli 6 u 7

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjonijiet 2, 3 u 4

L-Att Aħħari: Parti III, dikjarazzjonijiet 1 u 3

Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta’ l-Istat

9. Il-Protokoll, iffirmat fi Brussel fit-28 ta’ April 1995, mas-sħubija tal-Gvern tar-Repubblika ta’ l-Awstrija fil-Ftehim bejn il-Gvernijiet ta’ l-Istati ta’ l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f’Schengen fl-14 ta’ Ġunju ta’ l-1985, kif emendat mill-Protokolli dwar is-sħubija mill-Gvern tar-Repubblika Taljana, ir-Renju ta’ Spanja u r-Repubblika Portugiża u r-Repubblika Ellenika ffirmati fis-27 ta’ Novembru 1990, fil-25 ta’ Ġunju 1991 u s-6 ta’ Novembru 1992 rispettivament.

10. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim iffirmat fi Brussel fit-28 ta’ April 1995 mas-sħubija tar-Repubblika ta’ l-Awstrija fil-Konvenzjoni, iffirmata f’Schengen fid-19 ta’ Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen ta’ l-14 ta’ Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet ta’ l-Istati ta’ l-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni, li magħha ssieħbet ir-Repubblika Taljana ir-Renju ta’ Spanja u r-Repubblika Portugiża, u r-Repubblika Ellenika permezz tal-Ftehimiet li ġew ffirmati fis-27 ta’ Novembru 1990, fil-25 ta’ Ġunju 1991 u s-6 ta’ Novembru 1992 rispettivament u l-Att Aħħari tiegħu.

L-Artikolu 1

L-Artikoli 5 u 6

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjoni 2

L-Att Aħħari: Parti III

11. Il-Protokoll iffirmat fil-Lussemburgu fid-19 ta’ Diċembru 1996 dwar is-sħubija tal-Gvern tar-Renju tad-Danimarka fil-Ftehim dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f’ Schengen fl-14 ta’ Ġunju 1985 u d-dikjarazzjoni relatata.

12. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim, iffirmat fil-Lussemburgu fid-19 ta’ Diċembru 1996 dwar is-sħubija tar-Renju tad-Danimarka fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen ta’ l-14 ta’ Ġunju 1985 dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġiet iffirmata f’ Schengen fid-19 ta’ Ġunju 1990, l-Att Aħħari tagħha u d-dikjarazzjonijiet relatati.L-Artikolu 1

L-Artikoli 7 u 8

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjoni 2

L-Att Aħħari: Parti III

L-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

13. Il-Protokoll iffirmat fil-Lussemburgu fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar is-sħubija tal-Gvern tar-Repubblika Finlandiża fil-Ftehim dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f' Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 u d-dikjarazzjoni relatata.

14. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim iffirmat fil-Lussemburgu fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar is-sħubija tar-Repubblika tal-Finlandja fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġiet iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990, l-Att Aħħari tagħha u d-dikjarazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 1

L-Artikoli 6 u 7

L-Att Aħħari: Parti I

L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjoni 2

L-Att Aħħari: Parti III, minbarra d-dikjarazzjoni dwar il-Gżejjer Åland

Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

15. Il-Protokoll iffirmat fil-Lussemburgu fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar is-sħubija tal-Gvern tar-Renju ta' l-Isvezja fil-Ftehim dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġie ffirmat f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 u d-dikjarazzjoni relatata.

16. Id-dispożizzjonijiet li jmiss tal-Ftehim, iffirmat fil-Lussemburgu fid-19 ta' Diċembru 1996 dwar is-sħubija tar-Renju ta' l-Isvezja fil-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni li ġiet iffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990, l-Att Aħħari tagħha u d-dikjarazzjonijiet relatati.

L-Artikolu 1
L-Artikoli 6 u 7
L-Att Aħħari: Parti I
L-Att Aħħari: Parti II, dikjarazzjoni 2
L-Att Aħħari: Parti III
Id-Dikjarazzjonijiet minn Ministri u Segretarji ta' l-Istat

PARTI 3

A. **Id-Deċiżjonijiet li jmiss tal-Kumitat Eżekuttiv:**

SCH/COM-EX (93) 10 14.12.1993	KONFERMA TAD-DIKJARAZZJONIJIET MILL-MINISTRI U S-SEGRETARJI TA' L-ISTAT TAD-19 TA' ĠUNJU 1992 U T-30 TA' ĠUNJU 1993 DWAR ID-DĦUL FIS-SEĦĦ
SCH/COM-EX (93) 14 14.12.1993	TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI PRATTIKA BEJN L-AWTORITAJIET ĠUDIZZJARJI SABIEX JIĠI MIĠĠIELED IT-TRAFFIKAR TAD-DROGA
SCH/COM-EX (93) 21 14.12.1993	ESTENSJONI TAL-VIŻA UNIFORMI
SCH/COM-EX (93) 24 14.12.1993	PROĊEDURI KOMUNI GĦAT-TĦASSIR, REXXINSJONI JEW TQASSIR TAL-PERJODU TA' VALIDITÀ TAL-VIŻA UNIFORMI
SCH/COM-EX (94) 1 REV 2 26.4.1994	MIŻURI TA' AĠĠUSTAMENT IMMIRATI SABIEX INEĦĦU L-OSTAKOLI U R-RESTRIZZJONIJIET FUQ MOVIMENTI TA' TRAFFIKU F'PUNTI TA' FRUNTIERI INTERNI FEJN JAQSAM IT-TRAFFIKU
SCH/COM-EX (94) 15 REV 21.11.1994	INTRODUZZJONI TA' PROĊEDURA KOMPJUTERIZZATA GĦALL-KONSULTAZZJONI MA' L-AWTORITAJIET ĊENTRALI KIF JISSEMMA FL-ARTIKOLU 17(2) TAL-KONVENZJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI
SCH/COM-EX (94) 16 REV 21.11.1994	AKKWIST TA' TIMBRI KOMUNI GĦAD-DĦUL U L-ĦRUĠ
SCH/COM-EX (94) 17 REV 4 22.12.1994	INTRODUZZJONI U APPLIKAZZJONI TAS-SISTEMA SCHENGEN FL-AJRUPORTI U AJRUDROMI
SCH/COM-EX (94) 25 22.12.1994	SKAMBJI TA' INFORMAZZJONI STATISTIKA DWAR IL-ĦRUĠ TA' VIŻI UNIFORMI
SCH/COM-EX (94) 28 REV 22.12.1994	ĊERTIFIKAT IMSEMMI FL-ARTIKOLU 75 GĦAT-TRASPORTAZZJONI TAD-DROGI U/JEW SUSTANZI PSIKOTROPIĊI
SCH/COM-EX (94) 29 REV 2 22.12.1994	DĦUL FIS-SEĦĦ TAL-KONVENZJONI LI TIMPLIMENTA L-FTEHIM TA' SCHENGEN TAD-19 TA' ĠUNJU 1990

SCH/COM-EX (95) PV 1 REV (PUNT 8)	POLITIKA KOMUNI DWAR IL-VIŻI
SCH/COM-EX (95) 20 REV 2 20.12.1995	APPROVAZZJONI TAD-DOKUMENT SCH/I (95) 40 REV. 6 DWAR IL-PROĊEDURA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' L-ARTIKOLU 2(2) TAL-KONVENZJONI
SCH/COM-EX (95) 21 20.12.1995	SKAMBJU MGĦAĠĠEL BEJN L-ISTATI TA' SCHENGEN TA' DATA STATISTIKA U TANĠIBBLI DWAR TFIXKIL FIL-ĦIDMIET FUQ IL-FRUNTIERI ESTERNI
SCH/COM-EX (96) 13 REV 27.6.1996	PRINĊIPJI SABIEX JINĦARĠU VIŻI SCHENGEN FI QBIL MA' L-ARTIKOLU 30(1)(A) TAL-KONVENZJONI LI TIMPLIMENTA L-FTEHIM TA' SCHENGEN
SCH/COM-EX (97) 39 REV 15.12.1997	PRINĊIPJI GWIDA GĦAL MEZZI TA' PROVA U EVIDENZA INDIKATTIVA FIL-QASAM TA' FTEHIMIET TA' AMMISSJONI MILL-ĠDID BEJN STATI TA' SCHENGEN
SCH/COM-EX (98) 1 REV 2 21.4.1998	RAPPORT DWAR L-ATTIVITAJIET TAT-TASK FORCE
SCH/COM-EX (98) 12 21.4.1998	SKAMBJU FUQ LIVELL LOKALI TA' STATISTIKI DWAR IL-VIŻI
SCH/COM-EX (98) 18 REV 23.6.1998	MIŻURI LI GĦANDHOM JITTIEĦDU FIR-RIGWARD TA' PAJJIŻI LI JIPPREŻENTAW PROBLEMI F'DAK LI GĦANDU X'JAQSAM MAL-ĦRUĠ TA' DOKUMENTI MEĦTIEĠA SABIEX INEĦĦU Ċ-ĊITTADINI TAGĦHOM MIT-TERRITORJU SCHENGEN AMMISSJONI MILL-ĠDID – VIŻA
SCH/COM-EX (98) 19 23.6.1998	MONAKO VIŻA – FRUNTIERI ESTERNI – SIS
SCH/COM-EX (98) 21 23.6.1998	TIMBRAR TA' PASSPORTI TA' APPLIKANTI GĦALL-VIŻA VIŻA
SCH/COM-EX (98) 26 DEF 16.9.1998	TWAQQIF TAL-KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONVENZJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TA' SCHENGEN
SCH/COM-EX (98) 29 REV 23.6.1998	KLAWŻOLA KUMPLESSIVA SABIEX TKOPRI L-*ACQUIS* TEKNIKU KOLLU TA' SCHENGEN

SCH/COM-EX (98) 35 REV 2 16.9.1998	TRESSIQ TAL-MANWAL KOMUNI LILL-ISTATI APPLIKANTI TA' L-UE
SCH/COM-EX (98) 37 DEF 2 16.9.1998	PJAN TA' AZZJONI SABIEX TIĠI MIĠĠIELDA L-IMMIGRAZZJONI ILLEGALI

SCH/COM-EX (98) 51 REV 3 16.12.1998	KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA MINN FRUNTIERA GĦALL-OĦRA FIL-QASAM TAL- PREVENZJONI U S-SEJBA TAL- KRIMINALITÀ
SCH/COM-EX (98) 52 16.12.1998	MANWAL DWAR IL-KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA MINN FRUNTIERA GĦALL-OĦRA
SCH/COM-EX (98) 56 16.12.1998	MANWAL TA' DOKUMENTI LI FUQHOM TISTA' TITWAĦĦAL VIŻA
SCH/COM-EX (98) 57 16.12.1998	INTRODUZZJONI TA' FORMA ARMONIZZATA GĦALL-ISTEDIN, PROVI TA' AKKOMODAZZJONI U AĊĊETTAZJONI TA' L-OBBLIGI TA' SOSTENN TA' MANTENIMENT
SCH/COM-EX (98) 59 REV 16.12.1998	TQEGĦID KOORDINAT TA' KONSULENTI DWAR ID-DOKUMENTI
SCH/COM-EX (99) 1 REV 2 28.4.1999	SITWAZZJONI TAD-DROGA
SCH/COM-EX (99) 5 28.4.1999	AĠĠORNAMENT TAL-MANWAL SIRENE
SCH/COM-EX (99) 6 28.4.1999	SITWAZZJONI TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI
SCH/COM-EX (99) 7 REV 2 28.4.1999	UFFIĊJALI TA' KOOPERAZZJONI
SCH/COM-EX (99) 8 REV 2 28.4.1999	PAGAMENTI LIL INFORMATURI U INFILTRATI
SCH/COM-EX (99) 10 28.4.1999	KUMMERĊ ILLEGALI FL-ARMI
SCH/COM-EX (99) 13 28.4.1999	RTIRAR TA' VERŻJONIJIET QODMA U ADOZZJONI TA' VERŻJONIJIET ĠODDA TAL-MANWAL KOMUNI U STRUZZJONIJIET KONSULARI KOMUNI
SCH/COM-EX (99) 14 28.4.1999	MANWAL TA' DOKUMENTI LI FUQHOM TISTA' TITWAĦĦAL VIŻA
SCH/COM-EX (99) 18 28.4.1999	TITJIB TAL-KOOPERAZZJONI TAL-PULIZIJA FIL-QASAM TAL-PREVENZJONI U S-SEJBA TAL-KRIMINALITÀ

B. Id-Deċiżjonijiet li jmiss tal-Kumitat Esekuttiv:

DIKJARAZZJONI	SUĠĠETT
SCH/COM-EX (96) DECL 10 5 18.4.1996	DETERMINAZZJONI TAL-KUNĊETT TA' "ALJEN" MINN PAJJIŻ TERZ
SCH/COM-EX (96) DECL 10 6 REV.2 26.6.1996	DIKJARAZZJONI DWAR L-ESTRADIZZJONI
SCH/COM-EX (97) DECL 13 REV.2 21.4.1996	ĦTIF TAL-MINURI

C. Id-Deċiżjonijiet li jmiss tal-Grupp Ċentrali:

DEĊIŻJONI	SUĠĠETT
SCH/C (98) 117 27.10.1998	PJAN TA' AZZJONI SABIEX TIĠI MIĠĠIELDA L-IMMIGRAZZJONI ILLEGALI
SCH/C (99) 25 22.3.1999	PRINĊIPJI ĠENERALI GĦALL-ĦLAS TA' INFORMATURI U INFILTRATI

ANNESS B

(Artikolu 2(2))

L-Isvizzera għandha tapplika l-atti segwenti mid-data stipolata mill-Kunsill fi qbil ma' l-Artikolu 15.

Jekk sa dik id-data, Konvenzjoni jew Protokoll referut minn att immarkat hawn isfel bi stilla għadu ma daħalx fis-seħħ fl-Istati Membri kollha ta' l-Unjoni Ewropea fil-waqt ta' l-adozzjoni ta' l-att in kwistjoni, l-Isvizzera għandha tapplika d-dispożizzjonijiet relevanti ta' dawn l-istrumenti biss mid-data li fiha il-Konvenzjoni jew il-Protokoll in kwistjoni huwa fis-seħħ għall-Istati Membri msemmija.

– Id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1991 dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' l-armi (ĠU L 256, tat-13.9.1991, p. 51) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 93/216/KEE tal-25 ta' Frar 1993 dwar il-permess Ewropew għall-armi tan-nar (ĠU L 93, tas-17.4.1993, p. 39) kif modifikat mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 96/129/KE tat-12 ta' Jannar 1996 (ĠU L 30, tat-8.2.1996, p. 47);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1683/95/KE tad-29 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi format uniformi għall-viżi (ĠU L 164, ta' l-14.7.1995, p. 1) kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill Nru 334/2002/KE tat-18 ta' Frar 2002 (ĠU L 53, tat-23.2.2002, p. 7); Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Frar 1996 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi għall-format uniformi tal-viżi (mhux ippublikati);

– Id-Direttiva tal-Kunsill 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment ħieles ta' tali data (ĠU L 281, tat 23.11.1995, p. 31);

– L-Att tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi, fi qbil ma' l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka fi kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea [dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni] (ĠU Ċ 197, tat-12.7.2000, p. 1);*

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/586/JHA tat-28 ta' Settembru 2000 li tistabbilixxi proċedura għall-emenda ta' l-Artikoli 40(4) u (5), 41(7) u 65(2) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija progressiva tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni (ĠU L 248, tat-3.10.2000, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/645/KE tas-17 ta' Ottubru 2000 li tikkoreġi l-acquis ta' Schengen kif imniżżel fil-Kumitat Esekuttiv ta' Schengen SCH/Com-ex (94) 15 rev. (ĠU L 272, tal-25.10.2000, p. 24);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 539/2001/KE tal-15 ta' Marzu 2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikunu fil-pussess ta' viża meta

jaqsmu l-fruntieri esterni u ta' dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-kundizzjoni (ĠU L 81, tal-21.3.2001, p. 1) kif emendat mir-Regolament tal-Kunsill Nru 2414/2001/KE tas-7 ta' Diċembru 2001 (ĠU L 327, tat-12.12.2001, p. 1) u mir-Regolament tal-Kunsill Nru 453/2003/KE tas-6 ta' Marzu 2003 (ĠU L 69, tat-13.3.2003, p. 10);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/329/KE ta' l-24 ta' April 2001 li taġġorna Parti VI u l-Annessi 3, 6 u 13 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Annessi 5(a), 6(a) u 8 tal-Manwal Komuni (ĠU L 116, tas-26.4.2001, p. 32);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1091/2001/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar iċ-ċaqliq ħieles b'viża għal żjara twila (ĠU L 150, tas-6.6.2001, p. 4);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/420/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar l-adattazzjoni ta' Parti V u VI u l-Anness 13 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 6a tal-Manwal Komuni fir-rigward ta' viża għal żjara twila kif ukoll viża għal żjara qasira (ĠU L 150, tas-6.6.2001, p. 47);

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar l-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini ġejjin minn pajjiżi terzi (ĠU L 149 tat-2.6.2001, p. 34) u Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/191/KE tat-23 ta' Frar 2004 li tistipola l-kriterji u l-arranġamenti prattiċi għall-kumpens ta' l-iżbilanċi finanzjarji li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/40/KE dwar l-għarfien reċiproku ta' deċiżjonijiet dwar it-tkeċċija ta' ċittadini li ġejjin minn pajjiżi terzi (ĠU L 60, tas-27.2.2004, p. 55);

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/51/KE tat-28 ta' Ġunju 2001 li tissupplementa d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 (ĠU L 187, ta' l-10.7.2001, p. 45);

– L-Att tal-Kunsill tas-16 ta'Ottubru 2001 li jistabbilixxi, fi qbil ma' l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea [dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 15 tal-Protokoll] (ĠU C 326, tal-21.11.2001, p. 1);*

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 2424/2001/KE tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS II) (ĠU L 328, tat-13.12.2001, p. 4);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2001/886/JHA tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar l-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS II) (ĠU L 328, tat-13.12.2001, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/44/KE ta'l-20 ta' Diċembru 2001 li temenda l-Parti VII u l-Anness 12 għall-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14a tal-Manwal Komuni (ĠU L 20, 23.1.2002, p. 5);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 333/2002/KE tat-18 ta' Frar 2002 dwar format uniformi għal formoli li fuqhom titwaħħal il-viża maħruġa minn Stati Membri għal persuni li d-dokumenti ta' l-ivjaġġar m'humiex rikonoxxuti mill-Istat

Membru li joħoroġ il-formola (ĠU L 53, tat-23.02.2002, p. 4) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Awwissu 2002 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-format uniformi għat-twaħħil tal-viża maħruġa mill-Istati Membri għal nies li d-dokumenti ta' l-ivjaġġar m'humiex magħrufa mill-Istat Membru li joħroġ il-formola (mhux ippubblikata);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/352/KE tal-25 ta' April 2002 dwar ir-reviżjoni tal-Manwal Komuni (ĠU L 123, tad-09.05.2002, p. 47);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/354/KE tal-25 ta' April 2002 dwar l-adattazzjoni ta' Parti III u l-ħolqien ta' l-Anness 16 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 123, tad-09.05.2002, p. 50);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1030/2002/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 li jistipola format uniformi tal-permessi tar-residenza għal ċittadini minn pajjiżi terzi (ĠU L 157, tal-15.6.2002, p. 1) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-14 ta' Awissu 2002 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-format uniformi tal-permessi tar-residenza għal pajżana minn pajjiżi terzi (mhux ippublikati);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/585/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-adattazzjoni tal-Partijiet III u VIII ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 44);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/586/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-emenda tal-Parti VI ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 48);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/587/KE tat-12 ta' Lulju 2002 dwar ir-reviżjoni tal-Manwal Komuni (ĠU L 187, tas-16.7.2002, p. 50);

– Id-Deċiżjoni ta' Qafas tal-Kunsill Nru 2002/946/JHA tat-28 ta' Novembru 2002 dwar it-tisħiħ tal-qafas penali sabiex ma jiġux iffaċilitati id-dħul, transizzjoni u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, tal-5.12.2002, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2002/90/KE tat-28 ta' Novembru 2002 dwar id-definizzjoni ta' iffaċilitatar tad-dħul, transizzjoni u r-residenza mhux awtorizzati (ĠU L 328, tal-5.12.2002, p. 17);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 415/2003/KE tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-ħruġ ta' viżi fuq il-fruntiera, inkluż il-ħruġ ta' tali viżi lil baħrin fit-transizzjoni (ĠU L 64, tas-7.3.2003, p. 1);

– Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-1995 dwar is-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU C 78, tat-30.3.1995, p. 2) u tal-Konvenzjoni dwar l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU C 313, tat-23.10. 1996, p. 12) imsemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/169/JHA tas-27 ta' Frar 2003 li tiddetermina liema dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' l-1995 dwar il-proċedura ta' estradizzjoni simplifikata bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni ta' l-1996 fir-rigward ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea jikkostitwixxu żviluppi ta' l-*acquis* ta' Schengen fi qbil mal-

Ftehim dwar l-assoċjazzjoni tar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 67, tat-12.3.2003, p. 25);*

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/170/JHA tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-użu komuni ta' uffiċjali ta' kuntatt mibgħuta barra mill-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi ta' l-Istati Membri [minbarra l-Artikolu 8] (ĠU L 67, tat-12.3.2003, p. 27);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 693/2003/KE ta' l-14 ta' April 2003 li tistabbilixxi Dokument tat-Transizzjoni Faċilitata (FTD) speċifiku, Dokument tat-Transizzjoni Ferrovjarja Faċilitata (FRTD) u li jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Manwal Komuni (ĠU L 99, tas-17.4.2003, p. 8);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 694/2003/KE ta' l-14 ta' April 2003 dwar formati uniformi tad-Dokumenti tat-Transizzjoni Faċilitata (FTD) u Dokumenti tat-Transizzjoni Ferrovjarja Faċilitata (FRTD) li huma stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, tas-17.4.2003, p. 15);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/454/KE tat-13 ta' Ġunju 2003 li temenda l-Anness 12 ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 14a tal-Manwal Komuni dwar tariffi tal-viżi (ĠU L 152, ta' l-20.6.2003, p. 82);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1295/2003/KE tal-15 ta' Lulju 2003 dwar miżuri maħsuba sabiex jiffaċilitaw il-proċeduri għall-applikazzjoni u għall-ħruġ ta' viżi għall-membri tal-familja Olimpika li ser jieħdu sehem fil-logħob Olimpiku jew Paralimpiku ta' l-2004 f'Ateni (ĠU L 183, tat-22.7.2003, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/585/KE tat-28 ta' Lulju 2003 li temenda l-Anness 2, Skeda A, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 5, Skeda A, tal-Manwal Komuni dwar kundizzjonijiet tal-viżi għal min għandu passport diplomatiku tal-Pakistan (ĠU L 198, tas-6.8.2003, p. 13);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/586/KE 28 ta' Lulju 2003 dwar l-emenda ta' l-Anness 3, Parti I, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Anness 5a, Parti I tal-Manwal Komuni dwar ċittadini minn pajjiżi terzi soġġetti għal kundizzjonijiet dwar viżi fl-ajruporti (ĠU L 198, tas-6.8.2003, p. 15);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2003/725/JHA tat-2 ta' Ottubru 2003 li temenda d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 40(1) u (7) tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen ta' l-14 ta' Ġunju 1985 dwar it-tneħħija progressiva ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni (ĠU L 260, tal-11.10.2003, p. 37);

– Id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/110/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-assistenza fil-każijiet ta' transizzjoni għall-iskop ta' tneħħija bl-ajru (ĠU L 321, tas-6.12.2003, p. 26);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/14/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda t-tielet sub-paragrafu (kriterji bażiċi għall-eżaminazzjoni ta' l-applikazzjonijiet) ta' Parti V ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 74);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/15/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda l-punt 1.2 ta' Parti II ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u li tfassal Anness ġdid għalihom (ĠU L 5, tad-9.1.2004, p. 76);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/17/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda l-Parti V, punt 1.4, ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u Parti I, punt 4.1.2 tal-Manwal Komuni fir-rigward ta' l-inklużjoni tal-kundizzjoni li wieħed għandu jkollu assikurazjoni medika ta' l-ivvjaġġar bħala wieħed mid-dokumenti ta' appoġġ għall-għotja ta' viża tad-dħul uniformi (ĠU L 5, tad-9.01.2004, p. 79);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 377/2004/KE tad-19 ta' Frar 2004 dwar il-ħolqien ta' netwerk ta' l-uffiċjali ta' kuntatt dwar l-immigrazzjoni (ĠU L 64, tat-2.3.2004, p. 1);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/466/KE tad-29 ta' April 2004 li temenda l-Manwal Komuni sabiex jinkludi d-dispożizzjonijiet għall-kontrolli tal-fruntiera immirati dwar il-minuri mhux akkompanjati (ĠU L 157, tat-30.4.2004, p. 136);

– Emenda tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/466/KE tad-29 ta' April 2004 li temenda l-Manwal Komuni sabiex tinkludi d-dispożizzjonijiet għal kontrolli mmirati fuq il-fruntieri fuq minuri mhux akkompanjati (ĠU L 195 tat-2.6.2004, p. 44);

– Ir-Regolament tal-Kunsill Nru 871/2004/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-introduzzjoni ta' ċerti funzjonijiet għas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 162, tat-30.4.2004, p. 29);

– Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu tat-trasportaturi li jikkomunikaw id-data personali tal-passiġġieri (ĠU L 261 tas-6.8.2004, p. 24);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/573/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-organizzazzjoni ta' titjiriet konġunti għat-tneħħija, mit-territorju ta' żewġ Stati Membri jew aktar ta' ċittadini minn pajjiżi terzi li huma soġġetti għall-ordnijiet individwali ta' tneħħija (ĠU L 261, tas-6.8.2004, p. 28);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/574/KE tad-29 ta' April 2004 li temenda l-Manwal Komuni (ĠU L 261, tas-6.8.2004, p. 36);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/581/KE tad-29 t' April 2004 li tispeċifika l-indikazzjonijiet minimi li għandhom jintużaw fuq it-tabelli tal-fruntieri (ĠU L 261, tas-6.8.2004, p. 119);

– Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2004/512/KE tat-8 ta' Ġunju 2004 li tistabbilixxi is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viżi (VIS) (ĠU L 213, tal-15.6.2004, p. 5);

– *[Din il-lista li fiha l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen ser tiġi aġġornata skond l-adozzjoni ta' l-istrumenti li jiżviluppaw l-acquis ta' Schengen sad-data tal-firma]*

ATT AĦĦARI

konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen

Il-plenipotenzjarji adottaw id-dikjarazzjonijiet konġunti elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Aħħari:

1. Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar il-konsultazzjoni parlamentari;

2. Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar ir-relazzjonijiet esterni;

3. Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 23(7) tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' L-Unjoni Ewropea.

Il-plenipotenzjarji kkunsidraw ukoll id-dikjarazzjonijiet elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Aħħari:

1. Id-Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-Assistenza Reċiproka fi kwistjonijiet kriminali;

2. Id-Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-Artikolu 7(2)(b) dwar il-limitu ta' żmien għall-aċċettazzjoni ta' żviluppi ġodda fl-*acquis* ta' Schengen;

3. Id-Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni;

4. Id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasmissjoni tal-proposti;

5. Id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat esekuttivi tagħha.

Magħmula fi , fil-

Għall-Unjoni Ewropea:

Għall-Komunità Ewropea:

Għall-Konfederazzjoni Svizzera:

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar il-konsultazzjoni parlamentari

Il-Partijiet Kontraenti jikkunsidraw li l-kwistjonijiet koperti minn dan il-Ftehim għandhom jiġu diskussi fil-laqgħat interparlamentari bejn il-Parlament Ewropew u l-Isvizzera.

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar ir-relazzjonijiet esterni

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-Komunità Ewropea għandha timpenja ruħha sabiex tinkoraġġixxi lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li magħhom tikkonkludi Ftehimiet f'oqsma marbuta mal-kooperazzjoni dwar Schengen sabiex jikkonkludu Ftehimiet simili mal-Konfederazzjoni Svizzera, mingħajr preġudizzju għall-kompetenza ta' din ta' l-aħħar li tikkonkludi Ftehimiet bħal dawn.

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar l-Artikolu 23(7) tal-Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000 dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' L-Unjoni Ewropea

Il-Partijiet Kontraenti jaqblu li l-Isvizzera tista', fi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 23(1)(c) tal-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, fiċ-ċirkostanzi ta' każ partikolari, titlob li, sakemm Stat Membru Konċernat ma jkunx ottjena l-kunsens tas-suġġett tad-data, li d-data personali ma tintużax għall-iskopijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1)(a) u (b) mingħajr il-kunsens minn qabel ta' l-Isvizzera fil-proċeduri li fihom l-Isvizzera tkun setgħet irrifjutat jew irrestriġiet it-trasmissjoni jew l-użu ta' data personali taħt il-Konvenzjoni jew l-istrumenti msemmija fl-Artkolu 1 tagħha.

Jekk, f'każ partikolari, l-Isvizzera tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha għal talba minn Stat Membru in segwitu għad-dispożizzjonijiet hawn fuq imsemmija, għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha bil-kitba.

Dikjarazzjonijiet oħra

Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-assistenza reċiproka fi kwistjonijiet kriminali

L-Isvizzera tiddikjara li ksur tal-liġi fil-qasam tat-tassazzjoni diretta li qed jiġi investigat mill-awtoritajiet Svizzeri ma jistax iwassal, meta dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ, għal appell quddiem qorti kompetenti *inter alia* li tisma' kwistjonijiet kriminali.

Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-Artikolu 7(2)(b) dwar il-limitu ta' żmien għall-aċċettazzjoni ta' żviluppi ġodda fl-*acquis* ta' Schengen;

Il-perjodu massimu ta' sentejn stabbilit mill-Artikolu 7(2)(b) ikopri kemm l-approvazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni ta' l-att jew tal-miżura. Jinkludi dawn l-istadji li ġejjin:

– l-istadju preparatorju;

– l-istadju parlamentari;

– l-iskadenza tal-perjodu li fih għandu jsir ir-referendum (100 jum mill-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-att) u, fejn hu applikabbli;

– ir-referendum (organizzazzjoni u votazzjoni).

Il-Kunsill Federali għandu jinforma lill-Kunsill u lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bit-tmiem ta' kull wieħed minn dawn l-istadji.

Il-Kunsill Federali jimpenja ruħu li juża kull mezz possibli sabiex jiżgura li l-istadji hawn fuq imsemmija huma mlestija malajr kemm jista' jkun.

Dikjarazzjoni mill-Isvizzera dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea dwar Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali u l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni

L-Isvizzera timpenja ruħha li żżom lura milli tinvoka r-riżervi u d-dikjarazzjonijiet magħmula meta rratifikat il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni fit-13 ta' Diċembru 1957 u l-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Assistenza Reċiproka fi Kwistjonijiet Kriminali fl-20 ta' April 1959 sa fejn huma fi qbil ma' dan il-Ftehim.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar it-trasmissjoni tal-proposti;

Meta tkun qiegħda tressaq proposti li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tressaq kopji ta' dawn il-proposti lill-Isvizzera.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha.

Fil-preżent, flimkien mal-kumitat stabbilit mill-Artikolu 31 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-iproċessar tad-data personali[32], il-kumitati li jassistu l-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi fir-rigward ta' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżviluppi ta' l-*acquis* ta' Schengen huma:

– il-kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1683/95 tad-29 ta' Mejju 1995 li jistipola format uniformi għall-viżi[33] ("Il-Kumitat għall-Viżi"); u

– il-kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2001 (2001/886/JAI) u mill-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 tas-6 ta' Diċembru 2001[34], iż-żewġ strumenti li jirreferu għall-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni Schengen (SIS II) (SIS II) ("Il-Kumitat SIS II").

---

32 ĠU L 281 du 23.11.1995, p. 31.

33 ĠU L 164 ta' l-14.7.1995, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 334/2002 tat-18 ta' Frar 2002 (ĠU L 53 tat-23.2.2002, p. 7).

34 ĠU L 328 tat-13.12.2001, p. 1 u 4.

FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni Svizzera dwar il-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha.

A. *Ittra mill-Komunità*

Sinjur,

Il-Kunsill jirreferi għan-negozjati fir-rigward tal-Ftehim dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen u kkunsidra kif xieraq it-talba tal-Konfederazzjoni Svizzera, fl-ispirtu tal-parteċipazzjoni tagħha fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma koperti mill-Ftehim u sabiex ittejjeb l-operat tajjeb tal-Ftehim, li tkun assoċjata max-xogħol tal-kumitati li jassistu l-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha.

Il-Kunsill iżomm preżenti li fil-ġejjieni, meta proċeduri bħal dawn jiġu applikati fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, sejjer fil-fatt ikun hemm il-ħtieġa li l-Konfederazzjoni Svizzera tiġi assoċjata max-xogħol ta' dawn il-kumitati, *inter alia* sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-Ftehim ġew applikati għall-atti jew il-miżuri konċernati, sabiex dawn isiru jorbtu lill-Konfederazzjoni Svizzera.

Il-Komunità Ewropea timpenja ruħha li tinnegozja arranġamenti xierqa bil-ħsieb li tassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera max-xogħol ta' dawn il-kumitati.

Fir-rigward tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi f' dak li għandu x'jaqsmu ma' l-ipproċessar tad-data personali u l-moviment ħieles ta' tali data.

– Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-esperti mill-Konfederazzjoni Svizzera jipparteċipaw kemm jista' jkun, fejn punt speċifiku jikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u esklussivament għal dak il-punt, fil-preparazzjoni ta' miżuri ta' abbozz li għandhom jitressqu sussegwentement lill-kumitat stabbilit skond l-Artikolu 31 ta' din id-Direttiva li jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha. Għalhekk, fit-tfassil tal-proposti tagħha, l-Kummissjoni Ewropea sejra tikkonsulta lill-esperti mill-Konfederazzjoni Svizzera fuq l-istess bażi bħall-esperti mill-Istati Membri;

– Taħt it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 29(2) ta' din id-Direttiva, il-Konfederazzjoni Svizzera tista' taħtar rappreżentant ta' awtorità superviżorja jew lill-awtoritajiet maħtura mill-Konfederazzjoni Svizzera sabiex jipparteċipaw bħala osservaturi, mingħajr dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-grupp għall-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali. Il-Parteċipazzjoni għandha sseħħ abbażi ta' stedina ad hoc fejn punt speċifiku jikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u esklussivament għal dak il-punt.

Tista' jekk jogħġbok tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dawn l-arranġamenti?

Dejjem tiegħek,

B. *Risposta mill-Konfederazzjoni Svizzera*

Sinjur,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek bid-data..., bil-kliem li ġej:

> "Il-Kunsill jirreferi għan-negozjati fir-rigward tal-Ftehim dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen u kkunsidra kif xieraq it-talba tal-Konfederazzjoni Svizzera, fl-ispirtu tal-parteċipazzjoni tagħha fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-oqsma koperti mill-Ftehim u sabiex ittejjeb l-operat tajjeb tal-Ftehim, li tkun assoċjata max-xogħol tal-kumitati li jassistu l-Kummissjoni Ewropea fl-eserċizzju tas-setgħat esekuttivi tagħha.
>
> Il-Kunsill iżomm preżenti li fil-ġejjieni, meta proċeduri bħal dawn jiġu applikati fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim, sejjer fil-fatt ikun hemm il-ħtieġa li l-Konfederazzjoni Svizzera tiġi assoċjata max-xogħol ta' dawn il-kumitati, *inter alia* sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri tal-Ftehim ġew applikati għall-atti jew il-miżuri konċernati, sabiex dawn isiru jorbtu lill-Konfederazzjoni Svizzera.
>
> Il-Komunità Ewropea timpenja ruħha li tinnegozja arranġamenti xierqa bil-ħsieb li tassoċja l-Konfederazzjoni Svizzera max-xogħol ta' dawn il-kumitati.
>
> F'dak li għandu x'jaqsam mad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta data personali u dwar il-moviment liberu ta dik id-data:
>
> – Il-Kummissjoni Ewropea għandha tiżgura li l-esperti mill-Konfederazzjoni Svizzera jipparteċipaw kemm jista' jkun, fejn punt speċifiku jikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u esklussivament għal dak il-punt, fil-preparazzjoni ta' miżuri ta' abbozz li għandhom jitressqu sussegwentement lill-kumitat stabbilit skond l-Artikolu 31 ta' din id-Direttiva li jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha. Għalhekk, fit-tfassil tal-proposti tagħha, l-Kummissjoni Ewropea sejra tikkonsulta lill-esperti mill-Konfederazzjoni Svizzera fuq l-istess bażi bħall-esperti mill-Istati Membri;
>
> – Taħt it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 29(2) ta' din id-Direttiva, il-Konfederazzjoni Svizzera tista' taħtar rappreżentant ta' awtorità superviżorja jew lill-awtoritajiet maħtura mill-Konfederazzjoni Svizzera sabiex jipparteċipaw bħala osservaturi, mingħajr dritt għall-vot, fil-laqgħat tal-grupp għall-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali. Il-Parteċipazzjoni għandha sseħħ abbażi ta' stedina ad hoc fejn punt speċifiku jikkonċerna l-applikazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen u esklussivament għal dak il-punt.
>
> Tista' jekk jogħġbok tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dawn l-arranġamenti?"

Huwa pjaċir tiegħi ninfurmak li l-Kunsill Federali indika l-qbil tiegħu ma' l-arranġamenti hawn fuq imsemmija.

Dejjem tiegħek,

DIKJARAZZJONI KOMUNI DWAR LAQGĦAT KONĠUNTI

Id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw il-gvernijiet ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropa,

Id-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw il-gvernijiet tar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja,

Id-delegazzjoni li tirrappreżenta l-gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera,

Iddeċidew li jorganizzaw il-laqgħat tal-Kumitati Mħallta, stabbiliti mill-ftehim dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Islanda u n-Norveġja ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen minn naħa u l-ftehim dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen min-naħa l-oħra, flimkien, mingħajr ma jingħata każ tal-livell li fuqu qiegħda sseħħ il-laqgħa.

Jikkunsidraw li biex dawn il-laqgħat jiġu organizzati b'mod konġunt, irid ikun hemm arranġament pragmatiku fir-rigward ta' l-uffiċċju tal-presidenza għal dawn it-tip ta' laqgħat meta l-presidenza għandha timtela mill-Istati assoċjati skond il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen jew mal-Ftehim konkluż bejn il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.

Jikkunsidraw ix-xewqa ta' l-Istati assoċjati li jċedu, kif inhu meħtieġ, l-eserċizzju tal-presidenzi tagħhom u jirrotawh bejniethom fl-ordni alfabetika skond l-isem mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' din ta' l-aħħar ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.

Magħmula fi fil-

MINUTI MIFTEHMA

tan-negozjati dwar il-ftehim konluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen

Id-delegazzjonijiet involuti fin-negozjar tal-ftehim

– *jiddikjaraw fir-rigward ta' l-Artikolu 7(2)(b) li*

kuntatti regolari u diretti ser jiġu stabbiliti bejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-missjoni Svizzera lejn il-Komunitajiet Ewropew bil-ħsieb li l-Isvizzera tinżamm infurmata bil-progress fil-proċeduri għall-adozzjoni ta' l-atti relevanti ta' l-Unjoni Ewropea u l-miżuri sabiex l-Isvizzera tista' tistabbilixxi l-proċedura tagħha sabiex tinkorpora l-*acquis* malajr kemm jista' jkun.

– *ikkunsidraw, fir-rigward ta' l-Anness B għad-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju ta' l-1991 dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' l-armi, li*

d-Direttiva msemmija qabel ma tkoprix l-akkwist u l-pussess ta' l-armi u l-munizzjon mill-forzi armati, fi qbil mal-liġi nazzjonali. Is-sistema Svizzera kurrenti ta' self ta' armi bħala parti minn korsijiet volontarji għal tiraturi zgħar, is-self ta' armi għal suldati ta' riżerva u l-allokazzjoni ta' armi tas-servizz li ġew konvertiti f'armi tan-nar semi-awtomatiċi lil ex-suldati hija koperta minn din l-eċċezzjoni u, għalhekk, m'hijiex affetwata mill-*acquis* ta' Schengen, iżda hija rregolata mir-regolament Svizzeru relevanti.

– *ikkunsidraw, fir-rigward ta' l-Eurojust u n-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew,*

illi ta' min wieħed jiżen il-possibilità ta' kooperazzjoni Svizzera max-xogħol ta' l-Eurojust u, jekk huwa possibbli, in-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew.

Magħmul fi...fil-...

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

u

L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA,

minn hawn il-quddiem, "il-Partijiet Kontraenti",

BILLI l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għar-refuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz [35](minn hawn il-quddiem, "ir-Regolament ta' Dublin"), li daħal minflok il-Konvenzjoni sabiex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għar-refuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, iffirmata f' Dublin fil-15 ta' Ġunju 1990[36], (minn hawn il-quddiem, "il-Konvenzjoni ta' Dublin"), u filwaqt li l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej adottat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li tistipola regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għar-refuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadini ta' pajjiż terz[37] (minn hawn il-quddiem "ir-Regolament ta' implimentazzjoni ta' Dublin");

BILLI l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabiliment ta' l-"Eurodac" għall-paragun tal-marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin bil-ħsieb li din tiffaċilita d-determinazzjoni tal-Parti Kontraenti responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għar-refuġju fi qbil mal-Konvenzjoni ta' Dublin [38](minn hawn il-quddiem "ir-Regolament Eurodac") u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 407/2002 tat-28 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi ċerti regoli sabiex jiġi implimentat ir-Regolament (KE) 2725/2000 dwar l-istabbiliment ta' "l-Eurodac" għall-paragun ta' marki tas-swaba għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[39] (minn hawn il-quddiem "ir-Regolament ta' implimentazzjoni Eurodac");

ID-DIRETTIVA 95/46/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL ta' l-24 ta Ottubru, 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data[40] (minn hawn il-quddiem "id-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data personali") għandha tiġi applikata mill-

---

35 ĠU L 50 tal-25.2.2003, p. 1.
36 ĠU C 254 tad-19.8.1997, p.1.
37 ĠU L 222 tal-5.9.2003, p. 3.
38 ĠU L 316 tal-15.12.2000, p. 1.
39 ĠU L 62 tal-5.3.2002, p. 1.
40 ĠU L 281 tat-23.11.1995, p. 31.

Konfederazzjoni Svizzera kif inhi applikata fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea fl-ipproċessar tad-data għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva;

B' KONSIDERAZZJONI tal-pożizzjoni ġografika tal-Konfederazzjoni Svizzera;

BILLI l-parteċipazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-*acquis* tal-Komunità koperta mir-regolamenti ta' "Dublin" u "Eurodac" (minn hawn il-quddiem "l-*acquis* Dublin/Eurodac") ser tgħin sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera;

BILLI l-Komunità Ewropea kkonkludiet ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Islanda jew fin-Norveġja[41], abbażi tal-Konvenzjoni tal-Dublin;

BILLI huwa mixtieq li l-Konfederazzjoni Svizzera tkun assoċjata fuq livell ta' mpar dak ta' l-Islanda u n-Norveġja fl-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' "Dublin/Eurodac";

BILLI ftehim għandu jiġi konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera bid-drittijiet u l-obbligi bħal dawk li ġew miftehma bejn il-Komunità Ewropea minn naħa u l-Islanda u n-Norveġja min-naħa l-oħra;

KONVINTI bil-ħtieġa li tiġi organizzata kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fir-rigward ta' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni prattika u l-iżvilupp aktar fil-fond ta' l-*acquis* ta' "Dublin/Eurodac";

BILLI huwa meħtieġ, sabiex il-Konfederazzjoni Svizzera tiġi assoċjata ma' l-attivitajiet tal-Komunità Ewropea fl-oqsma koperti minn dan il-Ftehim u sabiex tiġi permessa li tipparteċipa f'dawk l-attivitajiet, li jitwaqqaf kumitat fi qbil mal-mudell istituzzjonali stabbilit għall-assoċjazzjoni ta' l-Islanda u n-Norveġja;

BILLI l-kooperazzjoni fl-oqsma koperti mir-regolament "Dublin" u "Eurodac" huma bbażati fuq il-prinċipji tal-libertà, d-demokrazija u r-regola tal-liġi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, kif garantiti b'mod partikolari mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali ta' l-4 ta' Novembru 1950;

BILLI d-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-atti adottati abbażi ta' dak it-Titolu ma japplikawx lir-Renju tad-Danimarka in segwitu għall-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mit-Trattat ta' Amsterdam mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, iżda għandu jkun possibbli għall-Konfederazzjoni Svizzera u d-Danimarka li japplikaw id-dispożizzjonijiet substantivi ta' dan il-Ftehim fir-relazzjonijiet tagħhom ma' xulxin;

BILLI huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istati li magħhom l-Unjoni Ewropea stabbiliet assoċjazzjoni għall-iskop ta' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* "Dublin/Eurodac" japplikaw ukoll dan l-*acquis* fir-relazzjonijiet tagħhom ma' xulxin;

---

41 ĠU L 93 tat-3.4.2001, p. 38.

BILLI l-operat tajjeb ta' l-*acquis* Dublin/Eurodac jeħtieġ li dan il-Ftehim ikun applikat simultanjament mal-Ftehimiet bejn il-partijiet varji assoċjati ma', jew li jipparteċipaw fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' "Dublin/Eurodac" li jiggverna r-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom;

B'KONSIDERAZZJONI ta' l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen;

TINŻAMM PREŻENTI r-rabta bejn l-*acquis* ta' Schengen u l-*acquis* "Dublin/Eurodac";

BILLI din ir-rabta teħtieġ li l-*acquis* "Dublin/Eurodac" jiġu applikati simultanjament ma' l-*acquis* ta' Schengen;

FTEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Id-dispożizzjonijiet tar-

– Regolament ta' "Dublin";

– Regolament "Eurodac";

– Regolament "li jimplimenta l-Eurodac"; u

– Regolament "li jimplimenta Dublin"

għandhom ikunu implimentati mill-Konfederazzjoni Svizzera, minn hawn il-quddiem "l-Isvizzera", u applikati fir-relazzjonijiet tagħha ma' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn il-quddiem "l-Istati Membri".

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regolamenti msemmija fil-paragrafu 1 lill-Isvizzera.

3. L-atti u l-miżuri meħudha mill-Komunità Ewropea li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 u d-deċiżjonijiet meħuda fi qbil mal-proċeduri stabbiliti f' dawk id-dispożizzjonijiet sejrin ukoll, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3, ikunu aċċettati, implimentati u applikati mill-Isvizzera.

4. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-protezzjoni tad-data personali kif applikati lill-Istati Membri fir-rigward tad-data proċessata għall-iskopijiet ta' implimentazzjoni u applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu implimentati, mutatis mutandis mill-Isvizzera.

5. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 u 2, referenzi għall-"Istati Membri" fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ser jiġu kkunsidrati li jinkludu lill-Isvizzera.

Artikolu 2

1. Meta leġislazzjoni ġdida li temenda jew li tibni fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 hija mfassla, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn il-quddiem "il-Kummissjoni", ser tikkonsulta informalment lill-esperti Svizzeri bl-istess mod kif tikkonsulta lill-esperti ta' l-Istati Membri meta qed tfassal il-proposti tagħha.

2. Meta qed tibgħat l-proposti tagħha msemmija fil-paragrafu 1 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, minn hawn il-quddiem "il-Kunsill", il-Kummissjoni Ewropea għandha tibgħat kopji ta' dawn il-proposti lill-Isvizzera.

Fuq it-talba ta' wieħed mill-Partijiet Kontraenti, jista' jseħħ skambju preliminari ta' opinjonijiet f' Kumitat Imħallat in segwitu għall-Artikolu 3.

3. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jerġgħu jikkonsultaw lil xulxin, fuq it-talba ta' wieħed minnhom, fil-Kumitat Imħallat, f'punti importanti fl-istadju qabel l-adozzjoni tal-

leġislazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, fi proċess kontinwu ta' provvediment ta' informazzjoni u konsultazzjoni.

4. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jaħdmu flimkien b'rieda tajba waqt l-istadju tal-provvediment ta' l-informazzjoni u l-konsultazzjoni bil-ħsieb jiġu ffaċilitati l-attivitajiet tal-Kumitat Imħallat fl-aħħar tal-proċess, fi qbil ma' dan il-Ftehim.

5. Ir-rappreżentanti tal-Gvern Svizzeru iressqu proposti fil-Kumitat Imħallat fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

6. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-esperti Svizzeri jipparteċipaw kemm jista' jkun, skond l-oqsma konċernati, fil-preparazzjoni ta' abbozz ta' miżuri li sussegwentement ikunu ser jitressqu quddiem il-kumitati li jassistu lill-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha. Għalhekk, fit-tfassil tal-proposti tagħha, l-Kummissjoni sejra tikkonsulta lill-esperti Svizzeri fuq l-istess bażi bħall-esperti mill-Istati Membri;

7. Fejn il-kwistjoni hija mressqa quddiem il-Kunsill fi qbil mal-proċedura li tapplika għat-tip ta' kumitat in kwistjoni, il-Kummissjoni għandha tikkomunika lill-Kunsill l-opinjonijiet ta' l-esperti Svizzeri.

Artikolu 3

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat Imħallat li jikkonsisti f'rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti.

2. Il-Kumitat Imħallat għandu jadotta ir-Regoli ta' Proċeduri tiegħu b' kunsens.

3. Il-Kumitat Imħallat għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-Presidenti tiegħu jew fuq it-talba ta' wieħed mill-membri tiegħu ikun min ikun.

4. Il-Kumitat Imħallat għandu jiltaqa' fuq il-livell xieraq, skond il-bżonn, bil-ħsieb li jeżamina l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1 u li jkollu skambju ta' opinjonijiet dwar atti u miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Kull skambju ta' informazzjoni dwar dan il-Ftehim ser jiġi kkunsidrat li seħħ fi qbil mat-termini ta' referenza tal-Kumitat Imħallat.5. L-uffiċċju tal-President tal-Kumitati Mħallta għandu jinżamm alternament, għal perjodu ta' sitt xhur, mir-rappreżentant tal-Komunità Ewropea u mir-rappreżentant tal-Gvern Svizzeru.

Artikolu 4

1. Suġġett għall-paragrafu 2, meta l-Kunsill jadotta atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 1 u meta atti jew miżuri huma adottati fi qbil mal-proċeduri stabbiliti f'dawk id-dispożizzjonijiet, dawk l-atti jew miżuri għandhom jiġu applikati simultanjament mill-Istati Membri u l-Isvizzera, ħlief fejn jeżistu dispożizzjonijiet ċari għall-kuntrarju ta' dan.

2. Il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Isvizzera mingħajr dewmien dwar l-adozzjoni ta' l-atti jew il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1. L-Isvizzera għandha tiddeċiedi jekk għandiex taċċetta l-kontentut tagħhom u timplimenthom fis-sistema legali interna tagħha. Din id-deċiżjoni għandha tiġi mgħarrfa lill-Kummissjoni fi żmien tletin jum ta' l-adozzjoni ta' l-atti jew il-miżuri konċernati.

3. Jekk il-kontenut ta' dawn l-atti jew miżuri jista' jsir tali li jorbot lill-Isvizzera biss wara li din tissodisfa l-ħtiġijiet kostituzzjonali, l-Isvizzera għandha tinforma lill-Kummissjoni b'dan fil-waqt tan-notifika. L-Isvizzera għandha tinforma lill-Kummissjoni fil-pront bil-kitba meta tissodisfa il-ħtiġijiet kostituzzjonali kollha. Meta referendum mhux meħtieġ, in-notifika għandha sseħħ malli tiskorri d-data li fiha għandu jseħħ ir-referendum. Jekk huwa meħtieġ referendum, l-Isvizzera għandha jkollha massimu ta' sentejnt mid-data tan-notifika tal-Kummissjoni li fiha għandha sseħħ n-notifika. Mid-data stipolata għad-dħul fis-seħħ ta' l-att jew il-miżura għall-Isvizzera u sa meta li tat in-notifika li l-ħtiġijiet kostituzzjonali ġew sodisfatti, l-Isvizzera sejra, fejn hu possibbli, timplimenta l-att jew il-miżura in kwistjoni fuq bażi proviżorja.

4. Jekk l-Isvizzera ma tistax timplimenta l-att jew il-miżura in kwistjoni fuq bażi proviżorja, u jekk dan joħloq diffikultajiet li jfixklu l-operat tal-kooperazzjoni Dublin/Eurodac, is-sitwazzjoni għandha tiġi eżaminata mill-Kumitat Imħallat. Il-Komunità Ewropea tista' tieħu miżuri proporzjonali u xierqa kontra l-Isvizzera sabiex tiżgura li l-kooperazzjoni Dublin/Eurodac topera sewwa.

5. L-aċċettazzjoni ta' l-Isvizzera ta' l-atti u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandha toħloq id-drittijiet u l-obbligi bejn l-Isvizzera u l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

6. Jekk:

(a) l-Isvizzera tgħarraf id-deċiżjoni tagħha li ma taċċettax il-kontenut ta' att jew miżura msemmija fil-paragrafu 1 u li għalih/a, il-proċeduri stabbiliti f'dan il-Ftehim ġew applikati; jew

(b) l-Isvizzera ma tgħarrafx fil-perjodu ta' tletin jum kif stipulat fil-paragrafu 2;

(ċ) l-Isvizzera ma tinnotifikax wara l-iskadenza tal-perjodu li fih għandu jsir ir-referendum, jew fil-każ ta' referendum, fi żmien il-limitu ta' sentejn stipulat fil-paragrafu 3, jew li ma jipprovdix għall-implimentazzjoni proviżorja kif maħsuba fl-istess sub-paragrafu minn dak stipolat għad-dħul fis-seħħ ta' l-att jew il-miżura konċernata;

dan il-Ftehim ser ikun sospiż.

7. Il-Kumitat imħallat għandu jeżamina l-kwistjoni li qajjmet is-suspett u għandu jagħmel ħiltu sabiex jittratta l-kawżi fl-isfond għan-nuqqas ta' aċċettazzjoni jew tar-ratifika fi żmien disgħin jum. Wara l-eżaminazzjoni ta' l-għażliet possibbli l-oħra kollha bl-iskop li jiġi żgurat li l-Ftehim jkompli jopera sewwa, inkluża l-possibilità li jiġi kkunsidrat li l-liġijiet u r-regolamenti tal-Partijiet Kontraenti huma ekwivalenti, tista' tiddeċiedi fuq bażi unanima, li terġa ddaħħal fis-seħħ dan il-Ftehim. Jekk dan il-Ftehim ikun għadu sospiż wara disgħin jum, għandu jiġi kkunsidrat b'mitmum.

Artikolu 5

1. Sabiex jinkiseb l-għan tal-Partijiet Kontraenti li jiġu żgurati l-aktar applikazzjoni u interpretazzjoni uniformi possibbli tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, il-Kumitat Imħallat għandu jirrevedi regolarment l-iżviluppi fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, minn hawn il-quddiem "Il-Qorti tal-Ġustizzja", u fil-każistika fir-rigward ta' tali dispożizzjonijiet tal-qrati Svizzeri kompetenti. Għal dan il-għan, il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw il-komunikazzjoni reċiproka fil-pront ta' tali każistika.

2. L-Isvizzera għandha jkollha d-dritt li tressaq dikjarazzjonijiet ta' każ jew osservazzjonijiet bil-kitba lill-Qorti tal-Ġustizzja fejn qorti fi Stat Membru applikat lill-Qorti tal-Ġustizzja għal sentenza preliminari dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1.

Artikolu 6

1. Kull sena, l-Isvizzera għandha tirrapporta lill-Kumitat Imħallat dwar il-mod li bih l-awtoritajiet amministrattivi u l-qrati tagħha jkunu applikaw u interpretaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, kif interpretati, fejn hu relevanti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

2. Jekk, fi żmien xagħrejn li tkun ġiet mgħarrfa b'diverġenza sostanzjali bejn il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u dik tal-qrati Svizzeri jew b'diverġenza sostanzjali bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri konċernati u l-awtoritajiet Svizzeri fl-applikazzjoni tagħhom tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1, il-Kumitat Imħallat ma jirrnexxielux jiżgura l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni uniformi, il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 ser tinbeda.

Artikolu 7

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim jew fejn is-sitwazzjoni imsemmija fl-Artikolu 6(2) isseħħ, il-kwistjoni ser tkun uffiċjalment imniżżla bħala kwistjoni ta' nuqqas ta' qbil fl-aġenda tal-Kumitat Imħallat.

2. Il-Kumitat Imħallat għandu jkollu disgħin jum sabiex isolvi n-nuqqas ta' qbil, b'għadd mid-data ta' l-adozzjoni ta' l-aġenda li fuqha ikun tpoġġa n-nuqqas ta' qbil.

3. Fejn nuqqas ta' qbil ma jistax jissolva mill-Kumitat Imħallat fiż-żmien ta' disgħin jum kif stipolat fil-paragrafu 2, din id-data ta' skadenza għandha tiġi estiża għal perjodu ta' disgħin jum ieħor sabiex jintlaħaq qbil aħħari. Jekk, fl-aħħar ta' dan il-perjodu, il-Kumitat Imħallat ma jkunx għadu ħa deċiżjoni, dan il-Ftehim ser jiġi kkunsidrat mitmum fl-aħħar ta' l-aħħar jum tal-perjodu in kwistjoni.

Artikolu 8

1. Fir-rigward tan-nefqa amministrattiva u operattiva assoċjata ma' l-istabiliment u l-operat ta' l-unità ċentrali Eurodac, l-Isvizzera għandha tagħmel kontribut lill-bàġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej li jammonta għal 7.286% ta' l-ammont inizjali ta'

referenza ta' 11 675 000 € u, mis-sena finanzjarja 2004, kontribut annwali li jammonta għal 7.286% ta' l-approprjazzjonijiet korrispondenti tal-bàġit għas-sena finanzjarja in kwistjoni.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' nefqa amministrattivau ta' l-operat ma' l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-Isvizzera għandha tikkontribwixxi għall-bàġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej somma annwali kkalkolata skond il-prodott gross domestiku tagħha bħala perċentwal mill-prodott gross domestiku ta' l-Istati parteċipanti kollha.

2. L-Isvizzera għandha jkollha d-dritt li tirċievi dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-Ftehim u, fil-laqgħat tal-Kumitat Imħallat, li titlob l-interpretazzjoni f' lingwa uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej ta' l-għażla tagħha.

Artikolu 9

Il-korp nazzjonali Svizzeru ta' superviżjoni, inkarigat mill-protezzjoni tad-data u l-korp ta' superviżjoni indipendenti stabbilit in segwitu għall Artikolu 286(2) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għandhom jikkooperaw sa fejn hu meħtieġ sabiex iwettqu dmirijiethom u, b'mod partikolari, għandhom jaqsmu bejniethom kull informazzjoni relevanti. Iż-żewġ korpi għandhom jiddeterminaw l-arranġamenti li jiggvernaw il-kooperazzjoni reċiproka tagħhom bi ftehim konġunt.

Artikolu 10

1. Dan il-Ftehim m'għandu jaffettwa b'ebda mod fir-rigward ta' Ftehimiet oħra konklużi bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera.

2. Dan il-Ftehim m'għandu jaffettwa b'ebda mod fir-rigward ta' Ftehimiet oħra ġejjiena konklużi bejn il-Komunità Ewropea u l-Isvizzera.

Artikolu 11

1. Ir-Renju tad-Danimarka jista' jitlob li jipparteċipa f'dan il-Ftehim. Il-Partijiet Kontraenti, bil-kunsens tar-Renju tad-Danimarka, għandhom jistabbilixxu l-kundizzjonijiet li jirregolaw tali parteċipazzjoni fi protokoll għal dan il-Ftehim.

2. L-Isvizzera għandha tikkonkludi ftehim mar-Repubblika ta' l-Islanda u mar-Renju tan-Norveġja dwar il-ħolqien ta' drittijiet u obbligi reċiproċi in segwitu għall-assoċjazzjonijiet rispettivi tagħhom ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Dublin/Eurodac.

Artikolu 12

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet Kontraenti. L-istrumenti tar-ratifika jew approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, li għandu jkun id-depożitarju.

2. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara n-notifika mid-depożitarju lill-Partijiet Kontraenti li l-istrument Aħħari tar-ratifika jew ta' approvazzjoni jkun ġie depożitat.

3. L-Artikoli 2, 3 u 4 tal-paragrafu 2, l-ewwel sentenza għandhom japplikaw proviżorjament mid-data tal-firma ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 13

Fir-Rigward ta' l-atti jew il-miżuri adottati wara li dan il-Ftehim ikun ġie ffirmat iżda qabel ma jidħol fis-seħħ, il-perjodu ta' 30 jum imsemmi fl-Artikolu 4(2), l-aħħar sentenza għandu jibda jiskorri mill-jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 14

1. Dan il-Ftehim għandu jiġi applikat biss jekk il-Ftehimiet msemmija fl-Artikolu 11 huma wkoll implimentati.

2. Ukoll, dan il-Ftehim għandu jiġi implimentat jekk il-ftehim konluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen huwa implimentat ukoll.

Artikolu 15

1. Il-Liechtenstein jista' jissieħeb f' dan il-Ftehim.

2. Is-sħubija tal-Liechtenstein għandha tkun soġġetta għal protokoll għal dan il-Ftehim li jistabbilixxi l-konsegwenzi kollha tas-sħubija, inklużi l-ħolqien tad-drittijiet u l-obbligi bejn il-Liechtenstein u l-Isvizzera u bejn il-Liechtenstein minn naħa u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, sa fejn huma marbutin ma dan il-Ftehim, min-naħa l-oħra.

Artikolu 16

1. Kull Parti Kontraenti tista' ttemm dan il-Ftehim billi tibgħat dikjarazzjoni bil-miktub lid-depożitarju. Din id-dikjarazzjoni ser tidħol fis-seħħ sitt xhur wara li tkun depożitata.

2. Dan il-Ftehim għandu jitqies bħala mitmum jekk l-Iżvizzera ttem wieħed mill-Ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 11 jew il-ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(2).

Magħmul fi….fl-…. f'żewġ kopji bil-Ġermaniż, Ingliż, Daniż, Spanjol, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Grieg, Ungeriż, Irlandiż, Taljan, Latvjan, Litwan, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Slovakk, Sloven, Svediż u Ċek, kull test awtentiku daqs l-oħrajn.

ATT AĦĦARI

tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera

Il-plenipotenzjarji adottaw id-dikjarazzjonijiet konġunti elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Aħħari.

1. Id-Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar djalogu mill-qrib;

2. Id-Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data. Il-plenipotenzjarji ħadu wkoll nota tad-dikjarazzjonijiet elenkati hawn taħt u annessi ma' dan l-Att Aħħari:

1. Id-Dikjarazzjoni ta' l-Isvizzera dwar l-Artikolu 4(3) (limitu ta' żmien sabiex jiġu aċċettati żviluppi ġodda fl-*acquis* ta' Dublin/Eurodac);

2. Id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha.

Magħmul fi... fil-...

Għall-Komunità Ewropea:

Għall-Konfederazzjoni Svizzera:

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar djalogu mill-qrib

Il-Partijiet Kontraenti jisħqu l-importanza ta' djalogu mill-qrib u produttiv bejn il-parteċipanti fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) tal-Ftehim.

Fi qbil ma' l-Artikolu 3(1) tal-Ftehim, il-Kummissjoni tistieden esperti mill-Istati Membri sabiex jattendu l-laqgħat tal-Kumitati Mħallta bil-ħsieb li jsir skambju ta' opinjonijiet ma' l-Isvizzera dwar il-kwistjonijiet kollha ttrattati f'dan il-Ftehim.

Il-Partijiet Kontraenti jikkunsidraw li l-Istati Membri huma ppreparati li jaċċettaw din l-istedina u li jieħdu sehem f'dawn l-iskambji ta' opinijiet ma' l-Isvizzera dwar il-kwistjonijiet trattati f'dan il-Ftehim.

Dikjarazzjoni Komuni tal-Partijiet Kontraenti dwar id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropewe u l-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-data

Bħala parti mill-Ftehim, il-Partijiet Kontraenti jaqblu li, fir-rigward tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-data[42], il-parteċipazzjoni mir-rappreżentanti tal-Konfederazzjoni Svizzera għandha tirrifletti l-kunċett li ġie stabbilit mill-iskambju ta' l-ittri dwar il-kumitati li jassistu l-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi u anness mal-ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' Schengen.

[42] ĠU L 281 tat-23.11.1995, p. 31.

Dikjarazzjonijiet oħra

Id-Dikjarazzjoni ta' l-Isvizzera dwar l-Artikolu 4(3) dwar il-limitu ta' żmien sabiex jiġu aċċettati żviluppi ġodda fl-*acquis* ta' Dublin/Eurodac);

Il-perjodu massimu ta' sentejn stipolat fl-Artikolu 4(3) ikopri kemm l-approvazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni ta' att jew miżura. Jinkludi l-istadji li ġejjin:

– l-istadju preparatorju;

– il-proċedura parlamentari;

– id-data ta' skadenza tar-referendum (100 jum mill-pubblikazzjoni uffiċjali ta' l-att) u, fejn hu applikabli;

– ir-referendum (organizzazzjoni u votazzjoni).

Il-Kunsill Federali għandu jinforma l-Kunsill u l-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar it-tlestija ta' kull wieħed minn dawn l-istadji.

Il-Kunsill Federali jimpenja ruħu li jutilizza kull mezz possibbli sabiex jiżgura li l-istadji msemmija hawn fuq huma mlestija malajr kemm jista' jkun.

Id-Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha.

Fil-preżent, il-kumitati li jassistu l-Kummissjoni Ewropea fl-eżerċizzju tas-setgħat eżekuttivi fir-rigward ta' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-*acquis* ta' "Dublin/Eurodac" huma:

– il-kumitat stabbilit mill-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġu determinati l-Istati Membri responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' l-applikazzjonijiet ta' rifuġju magħmula f'wieħed mill-Istati Membri minn persuna minn pajjiż terz[43]

– il-kumitat stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2725/2000 tal-11 ta' Diċembru 2000 dwar l-istabiliment ta' l- "Eurodac" għat-tqabbil tas-sinjali tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[44] (Kumitat Eurodac).

[43] ĠU L 50, tal-25.02.2003, p. 1.
[44] ĠU L 316 tal-15.12.2000, p. 1.

DIKJARAZZJONI KOMUNI DWAR LAQGĦAT KONĠUNTI

Id-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Id-delegazzjonijiet li jirrappreżentaw il-gvernijiet tar-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja,

Id-delegazzjoni li tirrappreżenta l-gvern tal-Konfederazzjoni Svizzera,

Iddeċidew li jorganizzaw il-laqgħat tal-Kumitati Konġunti, stabbiliti permezz tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Islanda u n-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew l-Islanda jew in-Norveġja minn naħa, u l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew l-Isvizzera, min-naħa l-oħra, b'mod konġunt.

Jikkunsidraw li biex dawn il-laqgħat jiġu organizzati b'mod konġunt, irid ikun hemm arranġament pragmatiku fir-rigward ta' l-uffiċċju tal-presidenza għal dawn it-tip ta' laqgħat meta l-presidenza għandha timtela mill-Istati assoċjati skond il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew l-Isvizzera jew il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' l-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew l-Islanda jew in-Norveġja.

Jikkunsidraw ix-xewqa ta' l-Istati assoċjati li jċedu, kif inhu meħtieġ, l-eżerċizzju tal-presidenzi tagħhom u jirrotawh bejniethom fl-ordni alfabetika skond l-isem mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli mill-eżaminazzjoni ta' talba għar-rifuġju magħmula fi Stat Membru jew l-Isvizzera.

Magħmula fi fil-

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠISLATTIVA

Qasam ta' Politika: Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

Attivitajiet: Fruntieri Esterni, politika tal-viża u ċ-ċaqliq ħieles tal-persuni

Strateġija Politika u Koordinazzjoni

TITOLU TA' L-AZZJONI: FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA, IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA DWAR L-ASSOĊJAZZJONI TA' DIN TA' L-AĦĦAR MA' L-IMPLIMENTAZZJONI, L-APPLIKAZZJONI, U L-IŻVILUPP TA' L-ACQUIS TA' SCHENGEN.

1. LINJA/I + INTESTATURA/I TAL-BÀĠIT

18.08.02 Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II)

18.08.03 Sistema ta' informazzjoni dwar il-viżi (VIS)

18.02.03 Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni tal-kooperazzjoni fl-operat fuq il-fruntieri esterni

2. FIGURI KUMPLESSIVI

2.1. Allokazzjoni totali għall-azzjoni (Parti B): 0 € miljun għall-impenn

2.2. Il-perjodu ta' l-applikazzjoni:

Bidu: Il-Ftehim sejjer (x'aktarx) jidħol fis-seħħ fl-2005 (skond ir-ratifiki)

Skadenza: Il-Ftehim m'għandux data ta' skadenza, iżda jista' jiġi kkanċellat

2.3. Estimu multiannwali kumplessiv tan-nefqa:

MHUX APPLIKABBLI

(a) Skeda ta' approprjazzjonijiet ta' impenn/ħlas (intervent finanzjarju) *(ara punt 6.1.1)*

miljun € (*sa tliet postijiet deċimali)*

	Sena [n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5 u Snin suss. [n]	Total
Impenji							
Ħlasijiet							

(b) Assistenza teknika u amministrattiva u nefqa ta' appoġġ *(ara punt 6.1.2)*

Impenji							
Ħlasijiet							

Subtotal a+b							
Impenji							
Ħlasijiet							

(ċ) Impatt finanzjarju kumplessiv ta' riżorsi umani u nefqa amministrattiva oħra *(ara punti 7.2 u 7.3)*

Impenji/ ħlasijiet							

TOTAL a+b+c							
Impenji							
Ħlasijiet							

2.4. Kompatibilità ma' l-ipprogrammar finanzjaru l-perspettiva finanzjarja

[…] Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.

[…] Il-proposta ser tinvolvi r-riprogrammar ta' l-intestatura relevanti fil-perspettiva finanzjarja

[…] Il-Proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali.

2.5. Impatt finanzjarju fuq id-dħul: [45]

[…] Il-Proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja (tinvolvi aspetti tekniċi dwar l-implimentazzjoni ta' miżura)

JEW

[x] Il-Proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej (indikattiv):

[45] Għal aktar tagħrif, ara n-nota ta' spjegazzjoni separata.

(miljun € sa żewġ postijiet deċimali)

Linja tal-bàġit	Dħuk	Qabel l-azzjoni 2003	Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
			2005	2006	2007	2008	2009	2010
18 08 02	*a) Dħul f'termini assoluti*		0.73	0.03	0.03	0.03	0.03	0.03
	b) Bidla fid-dħul	Δ	0.73	-0.70	-	-	-	-
18 08 03	*a) Dħul f'termini assoluti*		0.45	0.55	0.55	0.55	0.55	0.55
	b) Bidla fid-dħul	Δ	0.45	0.10	-	-	-	-
18 02 03	*a) Dħul f'termini assoluti*		0.11	0.27	0.27	0.27	0.27	0.27
	b) Bidla fid-dħul	Δ	0.11	0.16	-	-	-	-

3. KARATTERISTIĊI TAL-BÀĠIT

Tip ta' nfiq		**Ġdid**	**Kontribuzzjoni ta' l-EFTA**	**Kontribuzzjonijiet minn pajjiżi applikanti**	**Intestatura fil-perspettiva finanzjarja**
Mhux-komp	Diff	NRU	NRU	NRU	**Nru** 3

4. BAŻI LEGALI

Artikolu 62 u 63 TCE
Artikolu 24 u 38 TUE

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni ta' l-Isvizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen (artikolu 11(2) u (3)).

5. DESKRIZZJONI U RAĠUNIJIET

MHUX APPLIKABBLI

5.1. Ħtieġa għal intervent Komunitarju[46]

5.1.1. Għanijiet segwiti

M/A

[46] Għal aktar tagħrif, ara n-nota ta' spjegazzjoni separata.

5.1.2. Miżuri meħuda b'rabta ma evalwazzjoni ex ante

M/A

5.1.3. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni ex post

M/A

5.2. Azzjoni maħsuba u arranġamenti ta' intervent bàġitarju

M/A

5.3. Metodu ta' implimentazzjoni

M/A

6. IMPATT FINANZJARJU

MHUX APPLIKABBLI

6.1. Impatt totali finanzjarju fuq Parti B – (fuq il-perjodu ta' programmazzjoni kollu)

6.1.1. Intervent finanzjaru

Impenji (f'miljun € sa tliet postijiet deċimali)

Analiżi	Sena [n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	Snin suss. [n]	Total
Azzjoni 1							
Azzjoni 2							
eċċ.							
TOTAL							

6.1.2. Assistenza teknika u amministrattiva, nefqa ta' appoġġ u nefqa marbuta ma' l-IT (approprjazzjonijiet ta' impenn)

	Sena [n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5 u snin suss. [n]	Total
1) Assistenza teknika u amministrattiva							
a) Uffiċċji ta' assistenza teknika							
b) Assistenza teknika u amministrattiva oħra: - intra muros: - extra muros: *li minnhom għall-bini u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni kompjuterizzati*							
Subtotal 1							
2) Nefqa ta' appoġġ							
a) Studji							
b) Laqgħat ta' l-esperti							
ċ) Informazzjoni u publikazzjonijiet							
Subtotal 2							
TOTAL							

6.2. Kalkolu tan-nefqa bil-miżura kif maħsub f'Parti B (fuq il-perjodu ta' programmazzjoni totali)[47]

Impenji (f'miljun € sa tliet postijiet deċimali)

Analiżi	Tip ta' riżultat(proġetti, fajls)	Numru ta' riżultat (total għas-snin l....n)	Nefqa medja għal kull unità	Nefqa totali (total għas-snin l....n)
	1	2	3	4=(2X3)
Azzjoni 1				
- Miżura 1				
- Miżura 2				
Azzjoni 2				
- Miżura 1				
- Miżura 2				
- Miżura 3				
eċċ.				
NEFQA TOTALI				

Jekk huwa meħtieġ spjega l-metodu ta' kalkolu

7. IMPATT FUQ IN-NEFQA MARBUTA MA' L-ISTAFF U L-AMMINISTRAZZJONI

MHUX APPLIKABBLI

[47] Għal aktar tagħrif, ara n-nota ta' spjegazzjoni separata.

7.1. Impatt fuq ir-riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Staff li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali		Total	Deskrizzjoni tax-xogħlijiet b'riżultat mill-azzjoni
		Numri ta' karigi permanenti	Numri ta' karigi temporanji		
Uffiċjali jew staff temporanju	A B Ċ				*Jekk huwa meħtieġ, deskrizzjoni aktar dettaljata tax-xogħlijiet tista' tiġi annessa*
Riżorsi umani oħra					
Total					

7.2. Impatt finanzjarju kumplessiv fuq ir-riżorsi umani

Tip ta' riżorsi umani	Ammont (€)	Metodu ta' kalkolu *
Uffiċjali Staff temporanju		
Riżorsi umani oħra (speċifika l-linja tal-bàġit)		
Total		

L-ammonti huma nefqa totali għal tnax-il xahar

7.3. Nefqa amministrattiva oħra b'riżultat ta' l-azzjoni

Linja tal-Bàġit (numru u intestatura)	Ammont (€)	Metodu ta' kalkolu
Allokazzjoni Kumplessiva (Titolu A7) A0701 - Missjonijiet A07030 - Laqgħat A07031 – Kumitati ta' bilfors A07032 – Kumitati mhux ta' bilfors A07040 - Konferenzi A0705 – Studji u konsultazzjonijiet Nefqa oħra (speċifika)		
Sistemi ta' informazzjoni (A-5001/A-4300)		
Nefqa oħra - Parti A (speċifika)		
Total		

L-ammonti huma nefqa totali għal tnax-il xahar

Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.

I.	Total Annwali (7.2 + 7.3)	€
II.	Dewmien ta' l-azzjoni	snin
III.	Nefqa totali ta' l-azzjoni (I x II)	€

8. SEGWITU U EVALWAZZJONI

MHUX APPLIKABBLI

8.1. Arranġamenti ta' segwitu

M/A

8.2. Arranġamenti u skeda għall-evalwazzjoni pjanata

M/A

9. MIŻURI KONTRA L-FRODI

M/A

Anness

Spjegazzjoni tal-kalkolu tal-kontribut ta' l-Isvizzera:

Il-kalkolu tal-kontribut ta' l-Isvizzera huwa bbażat fuq il-Ftehim man-Norveġja u ma' l-Islanda (ĠU L 176 ta' l-10.7.1999, p. 36)

1. Nefqa amministrattiva:

1.1. Kumitat Imħallat:

Il-Ftehim joħloq Kumitat Imħallat (Artikolu 3). Dan il-Kumitat Imħallat jiltaqa' fil-forma ta' gruppi tax-xogħol tal-Kunsill, fejn l-Isvizzera ser tipparteċipa. B'hekk l-Isvizzera għandha tikkontribwixxi għan-nefqa amministrattiva tal-Gruppi tax-Xogħol tal-Kunsill. Fiż-żmien ta' l-integrazzjoni ta' l-*acquis* ta' Schengen, din in-nefqa ġiet stmata għal 300 000 000 BEF. Għalhekk, dan l-ammont ġie inkluż fil-Ftehim man-Norveġja u l-Islanda. Għall-Isvizzera, fl-Artikolu 11(1) tal-Ftehim, ammont ta' 8 100 000 € ġie inkluż. Dan jikkorispondi għall-ammont ta' 300 000 000 BEF fil-Ftehim tan-Norveġja/Islanda, konvertiti f' €, adattati għall-inflazzjoni bejn l-1999 u 2003 u fl-aħħar aprossimati.

Il-kalkolu tal-perċentwal ta' 7.286 għall-Isvizzera ġie nnegozjat u huwa bbażat fuq il-GDP ta' l-Isvizzera, in-Norveġja u l-Islanda fl-2001 u l-perċentwali tan-Norveġja u l-Islanda fil-Ftehim tagħhom.

Peress li dan il-kontribut finanzjarju ta' l-Isvizzera jittratta n-nefqa marbuta mal-ħidma tal-Gruppi tax-Xogħol tal-Kunsill, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser ikun responsabbli għall-irkupru ta' dan il-kontribut finanzjarju.

1.2. Nefqa amministrattiva oħra:

Minkejja li l-Isvizzera ser tipparteċipa fil-Kumitati li jassistu l-Kummissjoni fl-eserċizzju tas-setgħat eżekuttivi tagħha, ir-rappreżentanti ta' l-Isvizzera mhux ser jiġu rimborsati għan-nefqa ta' l-ivjaġġar u mhux ser jirċievu għajnuna ta' kuljum (daily subsistence allowance).

Bħalissa m'hemmx nefqa amministrattiva oħra marbuta ma' l-implimentazzjoni tal-Ftehim.

2. Nefqa marbuta mal-ħidma ta' Schengen:

Skond l-Artikolu 11(2), l-Isvizzera għandha tikkontribwixxi għan-nefqa tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II) mis-sena bażi tal-2002 il-quddiem skond il-GDP tagħha. Għalhekk, peress li l-Ftehim x'aktarx ser jidħol fis-seħħ fl-2005, l-ammont indikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja għall-2005 jikkonċerna l-kontribut ta' l-Isvizzera għas-snin tal-bażi 2002-2005.

Skond l-Artikolu 11(3), l-Isvizzera għandha tikkontribwixxi għal nefqa oħra marbuta ma' Schengen, ukoll skond il-GDP tagħha. Bħalissa, nefqa oħra marbuta ma' Schengen tirrigwarda s-Sistema ta' Informazzjoni tal-Viża (VIS) u l-Aġenzija għall-Fruntieri Esterni. Għall-VIS, l-ammont ta' l-2005 jinkludi l-kontribut meħtieġ għall-2004. Għall-Aġenzija għall-Fruntier Esterni, l-ewwel sena ta' bażi ser tkun l-2005.

Il-kalkolu tal-kontribut ta' l-Isvizzera għas-snin ta' bàġit 2002 u 2003 huwa bbażat fuq il-konsum ta' approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-linji korrispondenti tal-bàġit.

Għas-sena 2004, il-kalkolu huwa bbażat fuq approprjazzjonijiet ta' impenn kif stipulat fil-bàġit.

Għall-2005, il-kalkolu huwa bbażat fuq figuri PDB (approprjazzjonijiet ta' mpenn). Il-figuri għall-2006, huma bbażati fuq programmazzjoni finanzjarja eżistenti (approprjazzjonijiet ta' impenn).

Il-GDP pro rata ta' l-Isvizzera huwa kalkulat abbażi tal-figuri tal-GDP ta' l-eurostat.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠISLATTIVA

Qasam/Oqsma ta' Politika: Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja

Attività: Strateġija u Koordinazzjoni tal-Politika

TITOLU TA' L-AZZJONI: FTEHIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-KONFEDERAZZJONI SVIZZERA DWAR IL-KRITERJI U L-MEKKANIŻMI SABIEX JIĠI STABBILIT L-ISTAT RESPONSABBLI GĦALL-EŻAMINAZZJONI TA' TALBA GĦAR-RIFUĠJU MAGĦMULA FI STAT MEMBRU JEW FL-ISVIZZERA

1. LINJA/I + INTESTATURA/I TAL-BÀĠIT

18.08.04 Eurodac

2. FIGURI KUMPLESSIVI

2.1. Allokazzjoni totali għall-azzjoni (Parti B): miljun € għall-impenn

2.2. Il-perjodu ta' l-applikazzjoni:

Bidu: Il-Ftehim sejjer (x'aktarx) jidħol fis-seħħ fl-2005 (skond ir-ratifiki)

Skadenza: Il-Ftehim m'għandux data ta' skadenza, iżda jista' jiġi kkanċellat

2.3. Estimu multiannwali kumplessiv tan-nefqa:

MHUX APPLIKABBLI

(a) Skeda ta' approprjazzjonijiet ta' impenn/ ħlas (intervent finanzjarju) *(ara punt 6.1.1)*

miljun € (*sa tliet postijiet deċimali)*

	Sena [n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5 u Snin suss.]	Total
Impenji							
Ħlasijiet							

(b) Assistenza teknika u amministrattiva u nefqa ta' appoġġ *(ara punt 6.1.2)*

Impenji							
Ħlasijiet							

Subtotal a+b							
Impenji							
Ħlasijiet							

(ċ) Impatt finanzjarju kumplessiv ta' riżorsi umani u nefqa amministrattiva oħra *(ara punti 7.2 u 7.3)*

Impenji/ ħlasijiet							

TOTAL a+b+c							
Impenji							
Ħlasijiet							

2.4. Kompatibilità ma' l-ipprogrammar finanzjaru l-perspettiva finanzjarja

[…] Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.

[…] Il-proposta ser tinvolvi ir-riprogrammar ta' l-intestatura relevanti fil-perspettiva finanzjarja

[…] Il-Proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali.

2.5. Impatt finanzjarju fuq id-dħul: [48]

[…] Il-Proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja (tinvolvi aspetti tekniċi dwar l-implimentazzjoni ta' miżura)

JEW

[x] Il-Proposta għandha impatt finanzjarju – l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej (indikattiv):

(miljun € sa post deċimali wieħed)

		Qabel l-azzjoni [Sena n-1]	Sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Linja tal-Bàġit	Dħul		[2005]	[2006]	[2007]	[2008]	[2009]	[2010]
18 08 04	*b) Dħul f'termini assoluti*		1.11	0.11	0.11	0.11	0.11	0.11
	b) Bidla fid-dħul	*Δ*	1.11	-1.00	-	-	-	-

[48] Għal aktar tagħrif, ara n-nota ta' spjegazzjoni separata.

3. KARATTERISTIĊI TAL-BÀĠIT

Tip ta' nfiq		Ġdid	Kontribuzzjoni ta' l-EFTA	Kontributi minn pajjiżi applikanti	Intestatura fil-perspettiva finanzjarja
Mhux-komp	Diff	NRU	NRU	NRU	**Nru 3**

4. BAŻI LEGALI

Artikolu 63 TCE

Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' talba għar-Rifuġju magħmula fi Stat Membru jew fl-Isvizzera (Artikolu 8(1) tal-Ftehim).

5. DESKRIZZJONI U RAĠUNIJIET

mhux applikabbli

5.1. Ħtieġa għal intervent Komunitarju[49]

5.1.1. Għanijiet segwiti

M/A

5.1.2. Miżuri meħuda b'rabta ma evalwazzjoni ex ante

M/A

5.1.3. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni ex post

M/A

5.2. Azzjoni maħsuba u arranġamenti ta' intervent bàġitarju

M/A

5.3. Metodu ta' implimentazzjoni

M/A

6. IMPATT FINANZJARJU

M/A

[49] Għal aktar tagħrif, ara n-nota ta' spjegazzjoni separata.

6.1. Impatt totali finanzjarju fuq Parti B – (fuq il-perjodu ta' programmazzjoni kollu)

(Il-metodu wżat sabiex jiġu kkalkulati l-ammonti totali stabbiliti fl-iskeda hawn taħt għandhom jiġu spejgati mir-rendikont fl-Iskeda 6.2)

6.1.1. Intervent finanzjarui

Impenji (f' miljun € sa tliet postijiet deċimali)

Rendikont	[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5 u Snin suss.]	Total
Azzjoni 1							
Azzjoni 2							
eċċ.							
TOTAL							

6.1.2. Assistenza teknika u amministrattiva, nefqa ta' appoġġ u nefqa marbuta ma' l-IT (approprjazzjonijiet ta' impenn)

	[Sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5 u snin suss.]	Total
1) Assistenza teknika u amministrattiva							
a) Uffiċċji ta' assistenza teknika							
b) Assistenza teknika u amministrattiva oħra: - intra muros: - extra muros: *li minnhom għall-bini u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' ġestjoni kompjuterizzati*							
Subtotal 1							
2) Nefqa ta' appoġġ							
a) Studji							
b) Laqgħat ta' l-esperti							
ċ) Informazzjoni u pubblikazzjonijiet							
Subtotal 2							
TOTAL							

6.2. Kalkolu tan-nefqa bil-miżura kif maħsub f'Parti B (fuq il-perjodu ta' programmazzjoni totali)[50]

(Fejn hemm aktar minn azzjoni waħda, agħti dettall suffiċjenti tal-miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu għal kull azzjoni sabiex jistgħu jiġu stmati l-volum u n-nefqa tar-riżultati.)

[50] Għal aktar tagħrif, ara n-nota ta' spjegazzjoni separata.

Impenji (f' miljun € sa tliet postijiet deċimali)

Analiżi	Tip ta' riżultat (proġetti, fajls)	Numru ta' riżultat (total għas-snin l....n)	Nefqa medja għal kull unità	Nefqa totali (total għas-snin l....n)
	1	2	3	4=(2X3)
Azzjoni 1				
- Miżura 1				
- Miżura 2				
Azzjoni 2				
- Miżura 1				
- Miżura 2				
- Miżura 3				
eċċ.				
NEFQA TOTALI				

Jekk huwa meħtieġ spjega l-metodu ta' kalkolazzjoni

7. IMPATT FUQ IN-NEFQA MARBUTA MA' L-ISTAFF U L-AMMINISTRAZZJONI

M/A

7.1. Impatt fuq ir-riżorsi umani

Tipi ta' kariga		Staff li għandu jiġi assenjat għall-ġestjoni ta' l-azzjoni permezz ta' riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali		Total	Deskrizzjoni tax-xogħlijiet b'riżultat mill-azzjoni
		Numri ta' karigi permanenti	Numri ta' karigi temporanji		
Uffiċjali jew staff temporanju	A B Ċ				*Jekk huwa meħtieġ, deskrizzjoni aktar dettaljata tax-xogħlijiet tista' tiġi annessa*
Riżorsi umani oħra					

Total				

7.2. Impatt finanzjarju kumplessiv fuq ir-riżorsi umani

Tip ta' riżorsi umani	Ammont (€)	Metodu ta' kalkolu *
Uffiċjali Staff temporanju		
Riżorsi umani oħra (speċifika l-linja tal-bàġit)		
Total		

L-ammonti huma nefqa totali għal tnax-il xahar.

7.3. Nefqa amministrattiva oħra b'riżultat ta' l-azzjoni

Linja tal-Bàġit (numru u intestatura)	Ammont (€)	Metodu ta' kalkolu
Allokazzjoni Kumplessiva (Titolu A7) A0701 - Missjonijiet A07030 - Laqgħat A07031 – Kumitati ta' bilfors [1] A07032 – Kumitati mhux ta' bilfors [1] A07040 - Konferenzi A0705 – Studji u konsultazzjonijiet Nefqa oħra (speċifika)		
Sistemi ta' informazzjoni (A-5001/A-4300)		
Nefqa oħra - Parti A (speċifika)		
Total		

L-ammonti huma nefqa totali għal tnax-il xahar

[1] Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li għalih jappartjeni.

I.	Total Annwali (7.2 + 7.3)	€
II.	Dewmien ta' l-azzjoni	snin
III.	Nefqa totali ta' l-azzjoni (I x II)	€

8. SEGWITU U EVALWAZZJONI

M/A

8.1. Arranġamenti ta’ segwitu

M/A

8.2. Arranġamenti u skeda għall-evalwazzjoni pjanata

M/A

9. MIŻURI KONTRA L-FRODI

M/A

Anness

1.) Spjegazzjoni tal-kalkolu tad-dħul (taqsima 2.5).

Il-kalkolu tal-kontribut ta' l-Isvizzera huwa bbażat fuq il-kontribut ta' l-Islanda u n-Norveġja, kif stabbilit fil-Ftehim ma' l-Islanda u man-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni tagħhom ma' l-*acquis* ta' Dublin u Eurodac (ĠU L 93 ta' l-3.4.2001, p. 38)

Il-kalkolu tal-perċentwal ta' 7.286 li għandha tħallas l-Isvizzera ġie nnegozjat ma' l-Isvizzera u huwa kkalkulat abbażi tal-GDP ta' l-Isvizzera, in-Norveġja u l-Islanda fl-2001 u l-perċentwali stabbiliti għan-Norveġja u l-Islanda fil-Ftehim tagħhom.

Ġie nnegozjat, li l-Isvizzera (bħan-Norveġja u l-Islanda) għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-Unità Ċentrali ta' l-Eurodac mis-sena tal-bàġit 2000 il-quddiem. Minkejja li l-Ftehim ġie inizjalat fl-2004, għal raġunijiet marbuta ma' l-istorja tan-negozjati, l-ammont indikat fl-Artikolu 8 tal-Ftehim huwa biss is-somma ta' l-ammont tas-snin tal-bàġit 2000-2003. Iżda l-ammont tas-sena ta' bàġit 2004 huwa inkluż fil-kalkolu indikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja tas-sena ta' bàġit 2005, li b' konsegwenza tkopri l-kontribut ta' l-Isvizzera għas-snin ta' bàġit 2000-2005.

Il-kalkolu tal-kontribut ta' l-Isvizzera għas-snin ta' bàġit 2000-2004 huwa bbażat fuq l-ammonti ppublikati fil-bàġits korrispondenti.

Il-kalkolu għall-kontribut ta' l-Isvizzera għas-sena ta' bàġit 2005 huwa bażat fuq figuri PDB. Il-figuri għall-2006 u s-snin sussegwenti huma bbażati fuq programmazzjoni finanzjarja eżistenti għas-sena 2006.

2.) Nefqa marbuta mal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt:

Għall-Komunità m'hemmx nefqa addizzjonali marbuta ma' riżorsi umani addizjonali jew amministrazzjoni għal-laqgħat tal-Kumitat Konġunt maħluq mill-Ftehim (Artikolu 3). Dan il-Kumitat Konġunt ser jiltaqa' fl-istess waqt bħall-Kumitat Konġunt li ġie stabbilit permezz tal-Ftehim man-Norveġja u l-Islanda (ĠU L 93 tat-2.4.2001, p. 40). Ara wkoll id-Dikjarazzjoni Komuni dwar laqgħat konġunti tal-Kumitati Konġunti annessa ma' dan il-Ftehim.

B'hekk fil-prattika, minkejja li legalment hemm Żewġ Kumitati Konġunti, sejjer ikun hemm biss laqgħa waħda fejn in-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera huma kollha preżenti fl-istess waqt.

In-nefqa u l-għajnuna għall-ivvjaġġar m'humiex rifonduti għar-rappreżentanti ta' l-Isvizzera f' dan il-Kumitat Konġunt.